# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 53 - **SETTEMBRU 2019**

# werrej


| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 2 |
| L-Aħbarijiet | 3 |
| Reazzjonijiet | 7 |
| Intervista ma' Imelda Serracino Inglott | 9 |
| Intervista ma' Paul Zahra | 11 |
| Intervista ma' Charles Mifsud | 14 |
| Intervista ma' Anthony Aquilina | 17 |
| Rakkont ta' Carmen Refalo | 20 |
| Reċensjonijiet kotba Brockdorff u Attard | 23 |
| Rakkonti ta' Therese Vella u L. Brockdorff | 26 |
| Aktar reċensjonijiet | 29 |
| Il-Poeżiji | 35 |
| Versi lil hinn minn xtutna | 39 |
| Minn fuq l-ixkaffa | 41 |








Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

IL-PONT dieħel fit-tmien sena tiegħu. Kif jafu tajjeb il-qarrejja, matul dawn is-snin IL-PONT ta spazju lil bosta kittieba, kemm Maltin li jgħixu Malta, kif ukoll dawk li jgħixu fl-Awstralja u f'pajjiżi oħrajn tad-dinja. Ta spazju anki lill-għadd ta' kittieba barranin li tagħhom dehru kitbiet bl-Ingliż u bit-Taljan. IL-PONT hu spazju miftuħ għall-kittieba nisa: matul dawn il-53 edizzjoni dehru għadd kbir ta' xogħlijiet miktubin minn kittieba nisa, u l-kontribuzzjonijiet tagħhom qed jibqa' jikber. U dan hu sinjal pożittiv tassew! Għal darb'oħra L-Editur jirringrazzja bil-qalb lil dawk kollha li kkontribwixxew u għadhom jikkontribwixxu biex pubblikazzjoni bħal din tkun varjata, interessanti u valida tassew.

IL-PONT jibqa' vetrina importanti mhux biss u fuq kollox tal-kittieb u tal-ktieb Malti, imma anki ta' kotba li joħorġu 'l barra mill-konfini nazzjonali. F'din il-ħarġa ta' IL-PONT wieħed isib ippreżentati b'mod jew ieħor mal-20 ktieb, miktubin minn daqstant kittieba differenti. X'varjetà ta' xogħlijiet miktubin kemm minn awturi misjurin u magħrufa, kif ukoll minn oħrajn li għad iridu jistabbilixxu ruħhom, jew minħabba raġunijiet differenti tpoġġew fil-ġenb u twarrbu mill-pubblikaturi ewlenin.

Dan iwassalni għal dak li nkiteb reċentement dwar il-"vanity publishing" f'dokument li qed idur l-internet bħalissa. Intqal li din twaqqa' l-livell tal-ktieb ladarba mhemmx pubblikatur li jikkontrolla l-livell tax-xogħol. Min jgħid dan? Liema individwi ħarġu b'dan il-ħsieb li warajh hemm aġendi moħbijin - imma mhux daqstant moħbijin għal min jaf jifhem sewwa s-sitwazzjoni - li jmorru lil hinn mill-imħabba lejn il-kwalità tal-ktieb? F'moħħi għandi erba' ismijiet partikolari li jaħsbu li għax sabu niċċa fejn jippubblikaw dak kollu li jiktbu, kibritilhom rashom u jqisu lil ħaddieħor nemla fil-qasam tal-ktieb u tal-letteratura inġenerali. Kif dejjem insostni, anki fil-qasam tal-ktieb Malti u tal-letteratura Maltija taħkem il-liġi tal-"Ħokkli dahri u nħokk tiegħek." Min jiċħad dan huwa parti mis-sistema li tippremja dejjem lill-ħbieb u l-ħbieb tal-ħbieb.

Ta' min ifakkar li hemm bosta kotba - rumanzi, ġabriet ta' novelli, poeżiji, drammi, u oħrajn - li ġew ippubblikati mill-awturi stess mhux għax mhumiex ta' livell imma għax isimhom tqil jew huma *personae non gratae* fiċ-ċrieki tal-hekk imsejħa "awturi ppubblikati mill-pubblikaturi" li jagħmlu minn kollox biex posthom ma jieħdu ħadd, akkost li jagħmlu ħsara lil-letteratura Maltija stess. Il-pubblikatur mhux l-unika entità li tista' tirregola l-kwalità tax-xogħol letterarju jew tal-ktieb. Ma ninsewx li hemm il-kritiku letterarju li jaf sewwa x'jagħmel xogħol letterarju tajjeb jew le, indipendentement mill-pubblikatur.

Fuq nota oħra, min jgħid li l-imħabba għal-letteratura m'għadhiex? Hemm waqtiet bla mistennija li jagħtuk ċertu sodisfazzjon... Bħal meta ħabib ta' ħabib tiegħi li ltqajna miegħu bla ppjanat u li jaħdem fil-qasam tax-xjenza sar jaf li jiena ninteressa ruħi fil-letteratura u semmieli kittieba li ma kontx naf biha u li mietet qasir il-għomor. Din hija l-kittieba u ġurnalista minn Boston, Marina Keegan, awtriċi tal-ktieb postumu *The Opposite of Lonliness* (2014), li hu ġabra ta' essays u stejjer tagħha. Hi mietet ta' 23 sena minħabba inċident tat-traffiku, ftit snin biss wara li ggradwat mill-Università ta' Yale. Jew bħal meta bla mistenni nirċievi email mingħand eks studenta tiegħi b'abbozz ta' rumanzett li kitbet hija stess fejn uriet ix-xewqa li naqrah u nagħtiha l-opinjoni tiegħi dwaru. U dan minkejja li naf li studenta bħal din kienet impenjata ferm kemm bl-eżamijiet akkademiċi u anki b'attivitajiet extra-kurrikulari oħrajn fl-istess żmien li kienet qed tikteb dan ix-xogħol tagħha. Jew bħal meta eks student ieħor jitfa' fuq sit soċjali l-ewwel poeżija tiegħu li qatt ra ppubblikata, u niskopri li kienet poeżija li dehret fuq fuljett żgħir li nieħu ħsiebu jien fl-iskola fejn ngħallem. Sodisfazzjon ieħor hu meta tara eks studenti oħra li llum isimhom sar marbut sew mal-qasam tal-letteratura. Il-letteratura taf tgħaqqad, toħloq diskussjoni bejn nies li qatt ma ltaqgħu qabel, imma anki toħloq tbissima u timla' lill-bniedem b'sodisfazzjon qawwi. Il-letteratura taf ukoll timmarka b'mod pożittiv lil dak jew dik bla ma jafu.

IL-PONT jixtieq isellem lil Pawlu Mizzi, pijunier fil-qasam tal-ktieb Malti, li ħalla din id-dinja fil-5 t'Awwissu 2019, fl-età ta' 89 sena. Hu twieled fir-Rabat, Għawdex, fit-28 ta' Ottubru tal-1929. Kien il-fundatur tal-Klabb Kotba Maltin fl-1970, u aktar tard ta' Midsea Publications, u fundatur u editur tal-enċiklopedija kulturali "Heritage". L-ewwel ktieb li ppubblika kien *Il-Gaġġa* ta' Frans Sammut fl-1971. Fl-1992 ingħata l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika. Kotba oħrajn tal-KKM huma *Il-Miklem* ta' Erin Serracino Inglott, id-dizzjunarju ta' Ġużè Aquilina, ġabra ta' poeżiji ta' Dun Karm Psaila, editjata mill-Prof. Oliver Friggieri, u *Rajt Malta Tinbidel* ta' Herbert Ganado. Grazzi Pawlu Mizzi. Strieħ fis-sliem, u kondoljanzi lill-familja Mizzi.




**ŻEWĠ POETI MALTIN INKLUŻI F'ANTOLOĠIJA ARTISTIKO-POETIKA PPUBBLIKATA F'MORBEGNO**

Nhar l-10 ta' Mejju 2019 f'San Antonio f'Morbegno (provinċja ta' Sondria fit-tramuntana tal-Italja), fis-Sala Boffi, ġie mniedi l-ktieb *Morbegno con lo sguardo della pittura e la voce della poesia*, pubblikazzjoni tal-Associazione "E'Valtellina", taħt il-patroċinju tal-Comune di Morbegno e tal-Bim; dan biex tiġi ċċelebrata "Morbegno città alpina 2019". Din hija antoloġija ta' poeżiji u pitturi bix-xogħlijiet tal-artisti tal-"Laboratorio Poetico" u ta' "Forme Luci Ombre" ta' "E'Valtellina". Pittura u poeżija flimkien diġà kienu ġew sperimentati fil-ktieb *Malta arcobaleno di culture*, ġabra antoloġika tal-2018 ippubblikata biex tfakkar lill-Belt Valletta bħala belt kapitali Ewropea tal-Kultura, f'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni "EspRimi". L-artisti ta' "Forme Luci Ombre" u dawk tal-"Laboratorio Poetico" immortalaw il-belt tal-Bitto, mhux biss billi pinġew il-palazzi, it-toroq, il-pjazez u l-pontijiet l-iktar karatteristiċi, imma anki billi esprimew permezz ta' versi ruħ din il-belt, magħmula anki minn ħbiberija u ospitalità, bħalma jirrakkonta tajjeb il-poeta minn Malta Emmanuel Attard Cassar fil-poeżija "Quel settembre". Therese Pace tiddeskrivi l-pajsaġġ muntanjuż fil-poeżija "Tramonto alpino". Kemm Attard Cassar kif ukoll Therese Pace ħadu sehem fil-proġett u kellhom l-okkażjoni jżuru Morbegno f'Settembru tal-2018, meta ġie mniedi l-ktieb *Malta arcobaleno di culture*. Il-poeti li pparteċipaw huma tmienja, inklużi ż-żewġ Maltin msemmija diġà: Anna Barolo, Giovanni De Simone, Paola Mara De Maestri, Stefano Ciapponi, Sergio Ragaini, u Leonardo Manetti. Ħadu sehem ukoll ħmistax-il pittur li huma Angelisa Fiorini, Maria Giovanna Alberti, Milena Barlascini, Wanda Bettiga Sironi, Roberto Bogialli, Laura Brocco, Giovanna Maria Cavalli, Simona Cometti, Vittoria Consalvo, Michele Falciani, Giuseppe Mautone, Riccardo Peretti, Diego Rovedatti, Mariuccia Soltoggio, u Alda Volpi. Din il-pubblikazzjoni ġiet ikkurata b'mod partikolari mill-Kunsillier Luca Villa, bil-kollaborazzjoni tal-persuni responsabbli taż-żewġ taqsimiet artistiċi u s-soċja Livia Da Riva. Il-prefazzjoni ġiet afdata f'idejn il-President ta' "E'Valtellina", Lorenzo Del Barba.

**L-GĦAQDA TAL-MALTI UNIVERSITÀ U ŻANŻAN KELMA**

L-ispelling bee bil-Malti li l-Għaqda tal-Malti Università torganizza għat-tfal din is-sena kibret u saret ukoll f'Għawdex. Bi tħejjija għal dan, nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju, saret konferenza tal-aħbarijiet f'Dar l-Ewropa fil-Belt Valletta fejn tħabbru d-dettalji ta' din it-tielet edizzjoni ta' Żanżan Kelma, organizzata b'kollaborazzjoni mar-Rappreżentanza għall-Kummissjoni Ewropea f'Malta, bħala attività anċillari għall-Jum Ewropew tal-Lingwi. Fost il-mistednin distinti kien preżenti l-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, Evarist Bartolo.

**JITĦABBAR IR-REBBIEĦ TAL-PREMJU STREGA 2019**

Nhar l-4 ta' Lulju 2019 tħabbar ir-rumanz rebbieħ tal-LXXIII edizzjoni tal-Premju Strega. Is-sit magħżul kien il-Museo Nazionale Etrusco tal-Villa Giulia, u r-rumanz rebbieħ hu *M. Il figlio del secolo* (Bompiani). Fit-tieni post ġiet Benedetta Cibrario bir-rumanz *Il rumore del mondo* (Mondadori), segwita minn Marco Missiroli, awtur ta' *Fedeltà* (Einaudi), Claudia Durastanti, bir-rumanz *La straniera* (La nave di Teseo), u Nadia Terranova, bir-rumanz *Addio fantasmi* (Einaudi). Antonio Scurati twieled f'Napli fl-1969 u jgħallem il-Letteraturi Kontemporanji fl-IULM ta' Milan. L-ewwel rumanz tiegħu kien *Il rumore sordo della battaglia* (Mondadori, 2002).

### TIĠĠEDDED IL-WIRJA TA' OĠĠETTI FUTURISTIĊI U MHUX TAS-SOLTU F'Ħ'ATTARD




Nhar l-10 ta' Lulju tnediet it-tieni parti tal-wirja "The Other Side - Horror, Gothic, Science Fiction", imtellgħa mill-iStorm Petrel Foundation f'Ħ'Attard. Il-kuraturi tal-wirja huma Salvu Catania, Fabrizio Foni u Ray Vassallo, li huma midħla sewwa ta' suġġetti bħalma huma ċ-ċinema, il-letteratura inġenerali u dik gotika u science-fiction in partikolari. L-oġġetti eżibiti (powsters taċ-ċinema, l-ewwel edizzjonijiet ta' kotba rari, komiks, rivisti partikolari, u ħafna iktar) huma parti mill-kollezzjonijiet tal-istess kuraturi u anki ta' Carmel Bonniċi. Din il-wirja se tibqa' miftuħa sa nofs Diċembru li ġej. Min hu interessat li jaraha jista' jċempel fuq 99405027 jew jikteb fl-indirizz info@stormpetrelfoundation.org.

### IMUTU IL-KITTIEBA TALJANI ANDREA CAMILLERI U LUCIANO DE CRESCENZO

Nhar is-17 ta' Lulju 2019 tħabbret il-mewt tal-kittieb Sqalli Andrea Camilleri li ħafna minna jafuh bħala l-ħallieq tal-karattru televiżiv il-Kummissarju Montalbano (impersonat mill-attur Luca Zingaretti). Camilleri twieled f'Porto Empedocle, fis-6 ta' Settembru, 1925. Huwa biegħ mal-31 miljun kopja tal-kotba li kiteb: 100 b'kollox, 27 minnhom b'Montalbano bħala l-protagonist. Fost ir-rumanzi tas-serje Montalbano wieħed isemmi l-ewwel wieħed li hu *La forma dell'acqua* (1994) u l-aħħar wieħed, Il *cuoco dell'Alcyon* (2019).

Jum wara, nhar it-18 ta' Lulju 2019, miet f'Ruma l-kittieb Luciano De Crescenzo. Kien se jagħlaq 91 sena fit-18 ta' Awwissu. Kien l-awtur tal-ktieb *Storia della filosofia* li kien suċċess kbir kif ħareġ fis-snin '80. De Crescenzo twieled f'Napli, eżattament f'Santa Luċija (l-istess post fejn twieled Carlo Pedersoli, magħruf bħala Bud Spencer), ħadem bħala inġinier mal-IBM, u kien ukoll poeta, attur, artista u reġista. Huwa rrakkonta b'ċerta ironija kemm il-belt ta' Napli kif ukoll lill-filosofi tal-antik. Biegħ mal-20 miljun ktieb fid-dinja, 7 miljuni fl-Italja, li ġew tradotti għal 19-il lingwa u mxerrda f'25 pajjiż differenti. Ħadem għat-televiżjoni u għaċ-ċinema ma' Renzo Arbore u Roberto Benigni, u minn esperjenzi bħal dawn ħareġ il-film *Così parlò Bellavista* (1984, li kien ippubblikat bħala ktieb fl-1977). Xi kotba minn tiegħu huma *Il dubbio* (1992), *Panta rei* (1994), *La distrazione* (2000) u *Ulisse era un fico* (2010).



Luciano De Crescenzo

### LĠA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI

Nhar it-18 ta' Lulju, f'Dar l-Ewropa, saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Akkademja tal-Malti. Il-Kunsill għas-snin 2019-2021 huwa magħmul hekk: Presidenta - Ann Marie Schembri; Viċi Presidenta - Rita Saliba; Segretarju - Joseph P. Borg; Assistent

Segretarju - Reno Fenech; Teżoriera - Phyllis Debono; Assistent Teżorier - Dr George Farrugia; Uffiċjali għar-Relazzjonijiet Pubbliċi - Sergio Grech u Daniel Bezzina; u Membri - David Agius Muscat, Charles Casha, Olvin Vella. IL-PONT jawgura ħidma sfiqa lill-membri kollha tal-Kunsill.

**STQARRIJA B'RABTA MAR-RIFORMA-PROPOSTA MILL-BORD TAL-MATSEK**

Lejn nofs Lulju li għadda, għadd ta' lekċerers, akkademiċi u membri tal-għaqdiet tal-Malti u tal-Ingliż esprimew it-tħassib tagħhom dwar ir-riforma fl-edukazzjoni postsekondarja proposta mill-MATSEC. Fi stqarrija, dawn spjegaw li din ir-riforma saret mingħajr konsultazzjoni wiesgħa biżżejjed. Insistew li lingwa barranija qed tiġi imposta fuq l-istudenti tard ħafna fl-edukazzjoni tagħhom, u dan mhuwiex se jgħinhom ikabbru l-għarfien kulturali tagħhom Ewropew jew ikabbru l-ħiliet lingwistiċi tagħhom. Qalu li l-proposta tagħmel bil-maqlub ta' dak li qed li tisħaq - li hemm bżonn bidla strutturali sabiex l-istudenti Maltin jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu f'soċjetà Maltija li tagħmel parti minn soċjetà Ewropea. Qalu li liż-żgħażagħ la tagħtihom l-għarfien kulturali Ewropew u dinji u lanqas il-ħiliet ta' analiżi u espressjoni li jeħtieġu biex jgħixu, jistudjaw u jaħdmu f'Malta, f'Ewropa u f'dinja dejjem aktar kumplessi.

Qalu li din ir-riforma:
(i) iċċaħħad lill-istudenti f'Malta mill-iżvilupp tal-għerf billi tenfasizza kważi esklussivament l-aspett komunikattiv,
(ii) timponi fuqhom lingwa barranija tard ħafna fl-edukazzjoni tagħhom, u
(iii) tnaqqsilhom l-importanza fit-tagħlim xieraq tal-ilsien nazzjonali, il-Malti, u tal-Ingliż, il-lingwa kouffiċjali ta' Malta.

Stqarru wkoll li sabiex l-istudenti jtejbu l-ħiliet komunikattivi tagħhom, id-dokument tal-MATSEC qed jipproponi li s-Systems of Knowledge jingħata struttura ġdida li "tirrifletti integrazzjoni ta' ħiliet komunikattivi u kulturali", u b'hekk jinkludi t-tagħlim tal-Malti u l-Ingliż fuq livell komunikattiv biss. Iżda qalu li mhuwiex indikat fiċ-ċar x'inhu dan il-livell komunikattiv, mgħallem f'kulleġġi postsekondarji li joffru tagħlim fil-livell Intermedju jew Avvanzat. Skont huma, din il-proposta tneħħi l-enfasi fuq il-kitba u fuq l-għarfien tal-Malti u tal-Ingliż bħala lingwi, bil-konsegwenza li l-istudenti se jmissu ma' ftit wisq mill-ħiliet li għarfien serju tal-Malti u l-Ingliż jagħtihom biex jirnexxu fl-istudji tagħhom 'il quddiem u fid-dinja tax-xogħol. Qalu li l-proposta għandha tiġi riveduta b'mod għaqli wara konsultazzjoni serja. L-istqarrija hija ffirmata mid-Dipartimenti tal-Malti fl-Università ta' Malta u minn għadd ta' membri mid-Dipartiment tal-Ingliż fl-Università ta' Malta, mill-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa fl-Università ta' Malta, mid-Dipartimenti tal-Malti u l-Ingliż fil-Junior College, mid-Dipartimenti tal-Malti u l-Ingliż fl-Iskola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi, mid-Dipartimenti tal-Malti u l-Ingliż fil-Kulleġġ San Alwiġi, mid-Dipartimenti tal-Malti u l-Ingliż fil-Kulleġġ De La Salle, mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, l-Akkademja tal-Malti, l-Għaqda tal-Malti - Università, l-Għaqda Qarrejja tal-Provi tal-Malti, l-Għaqda Poeti Maltin, l-English Speaking Union u l-Għaqda tal-Istudenti tad-Dipartiment tal-Ingliż.

**KUMITAT ĠDID GĦALL-GĦAQDA TAL-MALTI, UNIVERSITÀ 2019-2021**




Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret nhar l-20 ta' Lulju 2019 li għadda, il-membri preżenti eleġġew kumitat ġdid għas-sentejn li ġejjin. Din hi l-lista bil-karigi tal-membri tal-Kumitat tal-Għaqda tal-Malti - Università 2019-2021: President: Romario Sciberras; Viċi President: Gabriel Lia; Segretarja: Michela Brincat; Assistenta Segretarja: Marta Cachia; Teżoriera: Thea Farrugia; Assistenta Teżoriera: Diane Cutajar; Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi: Sephora Francalanza; u Assistent Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi: Keith Attard. Dr Michael Spagnol huwa membru eks uffiċċju bħala Kap tad-Dipartiment tal-Malti.

## SERATA MUŻIKO-LETTERARJA MILL-MUŻA KARKARIŻA

Muża Karkariża tellgħet lejla oħra fuq iz-zuntier tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba nhar it-2 ta' Awwissu, 2019, fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Ħerba meqjuma hemmhekk. Kif kienu jitolbu l-lok u l-okkażjoni, it-tema kienet 'Fid-Dell tas-Santwarju'. Inqraw kitbiet li jduru mat-tema. Animaw is-serata l-kantanta Roberta Mallia akkumpanjata mill-kitarra klassika minn Joseph Gauci kif ukoll is-sopran Marita Bezzina, akkumpanjata mill-arpa minn Dr Lydia Buttigieg. Bħas-soltu l-attendenza kienet numeruza u l-udjenza jidher li qed tapprezza l-qari ta' letteratura ta' livell għoli u informattiva u li din l-attività se ssib ruħha fil-kalendarju tal-festa ta' kull sena. Tħabbret attività oħra abbinata mal-miġja ta' Marija Immakulata f'Birkirkara f'Novembru li ġej.

(Ħajr lil Therese Pace għal dan ir-rapport)

## IL-FESTIVAL MEDITERRANJU TAL-LETTERATURA 2019



Davide Rondoni

Il-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta organizzat minn Inizjamed din is-sena ħa ġimgħa sħiħa, bl-attivitajiet jibdew minn nhar il-Ħadd, 18 ta' Awwissu u jikkonkludi bi tlett iljieli fil-Forti Sant'Iermu bejn il-Ħamis, 22 u s-Sibt, 24 ta' Awwissu. L-attivitajiet inkludew diskussjonijiet u Palk Ħieles. Il-Festival laqa' 12-il awtur: Rasha Abbas (Sirja/Ġermanja), Astrid Alben (Renju Unit), Rena Balzan (Malta), Antoine Cassar (Malta), Yolanda Castaño (Galizja), Sampurna Chattarji (Indja), Elizabeth Grech (Malta), Eric Ngalle Charles (Kamerun/Wales), Yolanda Pantin (Venezwela), Davide Rondoni (Italja), Habib Tengour (Alġerija/Franza) u Loranne Vella (Malta). Matul il-jiem tal-Festival, ittella' workshop tat-traduzzjoni li tmexxa minn Nadia Mifsud. It-traduzzjonijiet u x-xogħlijiet oriġinali tqassmu mal-pubbliku matul l-Iljieli tal-Forti. Dan il-Festival ittella' bl-appoġġ sħiħ tal-Kunsill Malti għall-Arti bħala parti minn ftehim ta' tliet snin magħruf bħala l-Cultural Partnership Agreement. Il-Festival ittella' wkoll bl-għajnuna ta' Literature Across Frontiers, Heritage Malta, u l-Għaqda tal-Malti - Università. Dan il-Festival ingħata rikoxximent internazzjonali permezz tat-timbru tal-EFFE Europe for Festivals, Festivals for Europe.

## IMFAKKRA ŻEWĠ KITTIEBA GĦAWDXIN

Nhar l-24 ta' Awwissu, il-Librerija Pubblika ta' Għawdex fakkret żewġ kittieba Għawdxin li ħallewna f'sena waħda xi ftit tax-xhur ilu. Dawn huma Anton F. Attard li qatta' ħajtu għomru u żmienu mħatteb fuq il-ġurnali u kotba tal-librerija jfittex u jaqra, u Ġanninu Cremona, magħruf bħala l-Poeta ta' Santa Marija tant li bosta mill-poeżiji tiegħu dwar il-Madonna jinsabu miġbura fi ktieb *Warda sbejħa tar-Rebbiegħa* u li għal snin twal konna nsibuh ta' kull sena jaqra l-poeżija tiegħu lil Santa Marija waqt il-ħruġ tagħha min-niċċa matul ix-xahar ta' Awwissu. Cremona kiteb ukoll diversi drammi u essays kif ukoll il-Ballata tiegħu 'L-Assedju t'Għawdex 1551' li ġiet anki drammatizzata fuq is-swar taċ-Ċittadella. Xogħlijiet oħra tiegħu nħadmu fuq il-palk tat-tetajru tal-Opra Aurora. Anton F. Attard kien miżmum bħala espert fil-qasam tal-Folkore u l-Istorja u kien iħobb jikteb ukoll il-poeżija tant li stampa wkoll xi kotba. Waqt din il-lejla Lorna Tabone qrat il-bijografija tiegħu waqt li Antoinette Grech qrat l-essays tiegħu dwar 'Il-Ħerża Għawdxija', is-'Sikkina tal-Għarb', u l-'Ġelat tal-Bezzun'. Salvu Cremona qara l-kitba 'Is-Sħaħar' meħuda mill-ktieb tiegħu *Mid-dinja tas-seħer u tal-Folklore*, kif ukoll il-poeżja 'Il-Lunzjata' mill-pubblikazzjoni *Festi Titulari f'Għawdex* u 'Hekk hu l-Bniedem' mill-ktieb tal-poeżiji ta' Attard *Il-Passjoni ta' Ġesù*. Mill-ġdid Lorna Tabone mbagħad għaddiet biex taqra l-bijografija ta' Ġanninu Cremona waqt li Marija Schembri qrat il-poeżiji 'Lil Għawdex' u 'L-Arloġġ tan-Nanna Ċikka'. Anna Ellis tal-istess poeta Marjan qrat ukoll mill-ktieb tal-poeta *Wassalni Madonna*, 'Ittra lil Santa Marija' u 'L-Angelus', kif ukoll il-final mill-Ballata 'L-Assedju t'Għawdex 1551'. Attendew diversi Għawdxin u kittieba li jħobbu l-Ilsien Malti waqt li temm is-Serata s-Sur Ġorġ Cassar li qal li l-Librerija tiehu gost tfakkar kittieba Għawdxin u ħabbar xi wħud mill-attivitajiet kuturali li hemm il-ħsieb li jsiru mill-għatba 'l ġewwa tal-Librerija ta' Triq Vajringa fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

(Ħajr lill-Kav. Joe M. Attard għal dan ir-rapport)



**Email mingħand Oliver Friggieri, l-1 ta' Ġunju 2019**

Għażiż Patrick,

Prosit tassew u grazzi għall-ħarġa ġdida ta' IL-PONT li bgħattli. Nifraħlek mll-ġdid għal ħarġa oħra serja u meħtieġa.

Inselli għalik ħafna.

Oliver

**Email mingħand Adrian Grima, is-6 ta' Lulju 2019**

Għażiż Patrick,

Nixtieq nirringrazzjak b'mod partikulari tal-ħarġa ta' IL-PONT ta' Lulju 2019 li fiha toffri bosta spunti, perspettivi u esperjenzi tal-letteratura Maltija u l-letteratura b'mod ġenerali. Minħabba l-firxa tagħha u l-konsistenza tiegħek bħala l-fundatur u l-editur, ir-rivista hija punt ta' riferiment għal dawk fostna li jsegwu b'mod regolari dak li qed jiġri fil-qasam tal-letteratura f'pajjiżna.

L-iktar ħaġa li laqtitni fil-ħarġa ta' Lulju kienet l-għadd ta' vuċijiet li fiha, vuċijiet minn diversi oqsma u li joffru perspettivi differenti. Hemm il-kelma tal-poeti u tar-rumanziera, kummenti kritiċi, u riflessjonijiet personali; hemm ukoll għajnuniet għall-għalliema u l-istudenti li jridu jibdew jiskopru xogħlijiet Maltin mill-perjodu Riformista, Modern u kontemporanju. Il-PONT kemm bħala destinazzjoni u kemm bħala punt tat-tluq.

L-editorjal tiegħek dwar il-letteratura bħala reżistenza ġegħelni naħseb fuq kif din il-ħarġa ta' IL-PONT hija att ta' reżistenza. Illum, ir-ritmu inevitabbilment "kontra" tal-letteratura jisfida, aktar minn qatt qabel, il-ferneżija tal-messaġġ marsus f'280 karattru; il-kultura tal-botta u risposta; is-simplifikazzjonijiet estremi f'dinja dejjem aktar "ċkejkna" u fl-istess ħin dejjem aktar kumplessa; l-illużjoni dejjem akbar li fhimna storja sħiħa għax rajna servizz ta' minuta u nofs fuq l-Aħbarijiet; il-liġi l-ġdida tal-approvazzjoni immedjata, tal-Like. F'dan is-sens ukoll, ir-ritmu nnifsu tal-letteratura huwa reżistenza, qdif kontra l-kurrent. Il-letteratura hija reżistenza għax tirrakkonta minn angolu mhux mistenni, kultant skomdu, angolu li ħafna drabi jheżżeż "is-sewwa magħruf".

Naturalment, hemm tipi differenti ta' reżistenza. Jien nemmen li ma jeskludux lil xulxin. Mhumiex aħjar minn xulxin. M'hemmx għalfejn inġellduhom ma' xulxin. Tista' tinżel fit-triq ma' mijiet ta' nies fi Gwardamanġa biex tipprotesta kontra l-"ġenn" (biex nikkwota lis-Sur Sandro Chetcuti) fl-industrija tal-bini, kontra l-imwiet tal-ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol, favur id-drittijiet tal-ġirien maqbudin fil-morsa ta' dan il-"ġenn," kontra l-kultura tat-tarmak u l-konkrit li, kif għedt inti, Patrick, "qed iħaxxnu l-bwiet tal-ftit". Jien nemmen li mhux biss l-awturi imma l-Maltin kollha għandhom jipprotestaw iktar fit-toroq, li rridu nrawmu dik li Wayne Flask tal-Moviment Graffitti sejħilha "l-kultura tal-protesta" pubblika. Imma anki l-letteratura ġenwina, il-letteratura li tiċħad l-isterjotipi, hija att ta' reżistenza għall-kultura tal-banalizzazzjoni tal-kliem, tal-ħajja u tal-ambjent.

Jien u nerġa' naqra f'din il-ħarġa "Kull Meta Jmut Poeta" (Lill-poeta Carmel Attard, 1943-1994), ħsibt fuq l-ironija profonda li hemm f'din il-poeżija "klassika" ta' Louis Briffa: minn banda hemm l-irrelevanza tal-poeti f'soċjetà (li aħna li niktbu parti integrali minnha) li sikwit tidher tant indifferenti lejn il-fraġilitajiet tal-ħajja, soċjetà li saħansitra tbigħ, tikkummerċjalizza dik il-fraġilità; u mill-banda l-oħra hemm il-forza sovverżiva tar-ritmu tal-poeżija, tax-xbihat awdaċi u kburin, tat-taħdita mqanqla mal-istorja antika tagħha, poeżija li hija stqarrija ta' fidi fil-ħajja nfisha. Din u tant kitbiet huma att ta'



sovverżjoni, ta' reżistenza. Għax joffru ritmu differenti.

Saħħiet
Adrian

**Email mingħand Charles Mifsud, is-6 ta' Lulju 2019**

Prosit Patrick,

Prosit u ħajr għall-vojt kbir li qed timla permezz tal-PONT. Grazzi li mingħajr ebda preġudizzju qiegħed tagħti leħen lil kulħadd. Grazzi tat-tagħrif siewi u kontinwu li qiegħed twasslilna, tagħrif li, ngħid għalija, qed jagħmilni aktar konxju tal-ġmiel tal-kelma miktuba.

Grazzi u tislijiet.

**Email mingħand Mario Griscti, is-6 ta' Lulju 2019**

Għażiż Patrick,

Niżżikħajr qatigħ ta' din l-edizzjoni ekstra ta' IL-PONT, dejjem imburġata b'tagħrif mill-aktar siewi u meħtieġ, għal dawk kollha li għandhom il-letteratura Maltija u dinjija għal qalbhom. Ħajr tal-editorjal li tiegħu jistħoqqlok rikonoxxenza u gratitudini għax targumenta b'oġġettività u professjonalità.

Grazzi ĦABIB.

B'Imħabba, Mario

**Email mingħand Vanessa Fenech, is-6 ta' Lulju 2019**

Għażiż Sur Sammut,

Edizzjoni mhux mistennija dejjem tinżel għasel speċjalment f'dawn il-ġranet sajfin fejn ikollna ftit tal-ħin liberu.

Prosit tassew u grazzi ħafna tax-xogħol siewi li qiegħed tagħmel.

Tislijiet,

Vanessa

**Email mingħand Oliver Friggieri, it-8 ta' Lulju 2019**

Għażiż Patrick,

Bħal kull darba, prosit tassew u grazzi. Nammira tassew id-determinazzjni u s-serjetà li taħdem bihom.

Insellimlek.

Oliver

**Email mingħand Carmel G. Cauchi, l-10 ta' Lulju 2019**

Għażiż Patrick,

Grazzi ħafna ta' Il-PONT, edizzjoni extra għal dan is-sajf. Prosit għal dan il-bonus letterarju li għoġbok tirregalalna għal dawn il-jiem ta' sħana. Nifraħlek għal-livell għoli ta' dan il-magażin li żgur qiegħed joħodlok ħafna ħin biex tikkompilah. Il-kontenut varjat u dettaljat jagħmel il-magażin tassew interessanti. Ir-reazzjoni tal-qarrejja turi kemm qiegħed jintlaqa' tajjeb u jilħaq il-fini tiegħu. Il-ħidma tiegħek f'dan il-qasam hija apprezzata ħafna għax qiegħed timla vojt kbir li kien ilu jinħass is-snin.

Prosit tassew u grazzi mill-qalb.

Carmel G. Cauchi



## INTERVISTA MA' IMELDA SERRACINO INGLOTT DWAR IL-ĠABRA TA' POEŻIJI TAGĦHA *METAMORFOSI* (2019)

**Hu veru jew le jekk ngħid li din hija l-ewwel ġabra ta' poeżiji tiegħek? Għaliex issa?**

Mhux eżatt, kont ippuklikajt xi poeżiji tiegħi fil-ktieb *Mużajk* (2003) ma' Josette Baldacchino u Anna Pullicino, b'illustrazzjonijiet ta' Olaug Vethal. Dawn kienu poeżiji bil-Malti, Ingliż u Taljan. Ħriġt *Metamorfosi* issa għax kollox għandu żmienu.

**Fejn dehru l-poeżiji tiegħek qabel *Metamorfosi*?**

Jien minn ċkejkna nafni kont inħobb naqra u nikteb xi storja jew poeżija. Forsi kelli xi għaxar snin. Ta' xi sbatax-il sena dħalt fl-Għaqda Letterarja Maltija. Kont nidħol għal xi konkors u bdejt anke nġib xi poeżiji f'antoloġiji. Bdejt ukoll nikteb fil-folju "Leħen l-Għaqda Letterarja Maltija" u l-Għaqda Poeti Maltin li kien beda l-kanonku Buontempo flimkien ma' Mario F. Bezzina (illum it-tnejn ħallewna).

**X'kien is-sabiħ ta' dawn l-Għaqdiet ?**

F'dawn l-Għaqdiet int tisma' xogħol ta' poeti oħra Maltin, issib il-kuraġġ biex tkompli tikteb u tfittex aktar fuq is-suġġett kif ukoll ikollok sodisfazzjon sabiħ meta l-poeżija tiegħek tiġi ppubblikata ma' poeti ħafna aqwa minnek.

**Milli qrajt dik tiegħek hija poeżija ċara, sempliċi, li żżomm 'il bogħod minn lingwaġġ u xbihat enigmatiċi. Xi tgħid dwar dan?**

Ċara u sempliċi iva, imma enigmatiċi xi tfisser? Jien nikteb poeżiji mhux ħaġa moħġaġa. Ħa nikkwotalek lil Einstein: "Make everything as simple as possible but not simpler." (Li tagħmel għamlu sempliċi (ċar, jiftiehem) kemm jista' jkun, imma mhux sempliċi żżejjed.)

Biex nikkwotalek Artist mhux xjentist, insibu lil Picasso li jgħid hekk: "When I was a kid I drew like Michaelangelo. It took me years to learn to draw like a kid. (Meta kont żgħir kont inpinġi a la Michaelangelo. Domt snin sakemm tgħallimt inpinġi bħat-tfal.)

**Semmi tliet elementi li tittratta fil-versi tiegħek. Għaliex dan?**

It-tliet elementi huma Mħabba, Uġigħ il-qalb u Resurrezzjoni. Kull bniedem iħobb f'diversi forom u diversi drabi. Minn qatt ma weġġa' fil-ħajja? Imma l-aktar li nenfazzizza huwa li wieħed ikun kapaċi jqum u jerġa' jipprova, iqum u jerġa' jħobb, iqum u jkompli l-mixja tal-ħajja.

**Għaliex tikteb il-poeżija? U għaliex daqqa tikteb bil-Malti u oħra bl-Ingliż?**

Nikteb il-poeżija għax inħoss il-ħsieb ifeġġ għal mument u rrid naqbdu dan il-ħsieb. L-aktar forma biex tikteb ħsieb li jkun laqtek b'messaġġ 'il fuq mill-kelma li nitkellmu biha ta' kull ħin hija l-poeżija. Nikteb l-ewwel bil-Malti, imma billi llum sirna pajjiż f'dinja fejn il-kelma tista' tiġi mxerrda permezz tal-komputer ma' pajjiżi oħra nuża wkoll l-Ingliż li jiġi mitkellem f'ħafna pajjiżi. Tinnota wkoll li l-poeżiji għal ibni Philip li ħalliena f'Diċembru tal-2013 huma miktuba bl-Ingliż, billi hu kien jistudja barra minn Malta u ħalla ħafna ħbieb li jaqraw dawn il-poeżiji permezz tal-Facebook.

**Temmen li poeżija miktuba minn mara tvarja b'xi mod jew ieħor minn waħda miktuba minn raġel?**

Il-mara minn dejjem ħasset il-ħsus li jaf iħoss raġel u għalkemm ma kinetx tiktibhom għaddiethom lill-ulied minn ġenerazzjoni għal oħra. Mal-medda taż-żmien, meta l-mara emanċipat ruħha ftit ftit, il-mara wkoll bdiet tħalli l-poeżija miktuba. M'hemmx




differenza hix mara jew raġel, id-differenza kemm wieħed kapaċi jniżżel f'kitba l-ħsieb. Ma nħobbx inqabbel. Min jogħġbu stil, min ieħor. Skond ukoll kemm tkun daħħalt għerf fil-qurriegħa ta' rasek tfittex x'se jogħġbok, hemm livelli jew skaluni ta' għerf.

**Naħseb li għandek aktar poeżiji. X'se jsir minnhom?**

Nawgura lili nniffsi li nippubblikahom ukoll.

**Messaġġ tiegħek lill-ġenerazzjoni żagħżugħa rigward l-utilità tal-poeżija.**

Ikteb jekk tħoss il-Muża. Tibża' qatt mill-kritika. Taqtax qalbek li tippubblika għax illum tista' xxandar kelmtek faċilment permezz tal-informatika.

**Hemm xi poeti jew kittieba favoriti?**

Is-Salmi tal-Bibbja, Rumi u Ħafiż, Keats u Shelley, Emily Dickenson, Mary Oliver, u ħafna oħrajn, fosthom Dun Karm u l-poeti nisa ta' żmienna.

**X'tagħmel meta ma tkunx qed tikteb?**

Naqra, naqra u naqra .

**QAMAR SAJFI**

Għaliex il-qamar
f'lejla sajfija
meta jkun mimli
jidher daħkan?
Għaliex jarana
lkoll ninġabru
ġod-dinja mudlama
nfittxu s-serħan.
Filwaqt li huwa
hemm fuq jiċċaċċra
ma' kwiekeb sbejħa
jroxxulu fiddien.

**REGIME**

Rambling whistling whispers
formless bloodsucking
convoluted rumours
circling the unknown.
Dark enchanted shadows
treading wild cursed winds
ramming the skeletal bones
crucifying man on a beam of lies
not knowing in your damned creation
that truth shall ultimately reign supreme.

**IMELDA SERRACINO INGLOTT**
**(minn *Metamorfosi*, 2019)**



## IL-PONT JINTERVISTA LIL PAUL ZAHRA DWAR IS-SENGĦA TAT-TRADUZZJONI

**Illum fl-Università ta' Malta hemm id-Dipartiment tat-Traduzzjoni. Huwa dipartiment li qed jikber dejjem iktar. Kemm taħseb huwa bżonnjuż dipartiment bħal dan fi żmien meta s-soċjetà donnha qed tivvaluta biss il-flus?**

Id-Dipartiment ma jistonax mas-soċjetà fir-rigward tal-flus billi wieħed mill-għanijiet tiegħu hu li jipparteċipa fil-ħolqien tal-industrija tat-traduzzjoni. Il-formazzjoni li tingħata minnu twassal għall-professjoni u għal għaxjien deċenti minnha. Il-flus ma fihom xejn ħażin, hu biss l-użu tagħhom li jista' jkun ħażin, speċjalment meta jsiru sors ta' aljenazzjoni jew billi jsiru l-ewwel prijorità f'ħajjitna.

**X'jirrikjedi x-xoghol ta' traduttur serju?**

Li wieħed jittraduċi ma jfissirx li tiftaħ ktieb u taqbad tittraduċih. Hawnhekk se nillimita ruħi għat-traduzzjoni letterarja. Din ix-xorta ta' traduzzjoni tirrikjedi formazzjoni, preparazzjoni u riċerka estensiva u kontinwa biex tkun tista' titqies serja. L-akbar żball isir meta naħsbu li biex tittraduċi lejn il-Malti l-aktar li trid tkun taf hu l-Malti. Fil-fatt, l-aktar li għandna naħkmu hi l-lingwa sors għax din hi barranija u jekk it-traduttur ma jkollux ħakma tajba tagħha ma jasalx għal replika tat-test oriġinali. Il-Malti hu sintendi importanti wkoll, però jekk it-traduttur ikun kelliem nattiv m'għandux ikollu problemi biex jesprimi ruħu bih. Rigward x'naħseb aktar fid-dettall dwar dan, nistieden lill-qarrejja biex jaqraw il-kontribuzzjoni tiegħi "Dettalji dwar il-Proċess tat-Traduzzjoni għall-Malti taż-Żewġ Novelli ta' Honoré de Balzac" li dehret fil-ħarġa letterarja ta' Il-Malti (XC 2017). Is-serjetà titlob ukoll li t-traduttur joħloq strateġija biex jibni metodoloġija li tmexxih fil-proċess tat-traduzzjoni.

**Inti llum l-awtur ta' numru sabiħ ta' traduzzjonijiet maqlubin mill-Franċiż għall-Malti. Liema huma dawn ix-xogħlijiet? Għaliex l-għazla taqa' fuq certi kittieba u mhux fuq oħrajn?**

S'issa traduċejt 6 rumanzi mill-Franċiż: *Meaulnes it-Twil* ta' Alain-Fournier, *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu* u *Il-Kapillan ta' Tours* ta' Balzac, *Salammbô* ta' Flaubert, *Combray u Imħabba ta' Swann* ta' Proust. Xogħlijiet kumplessi li jisfidaw il-kapaċità tiegħi bħala traduttur u li t-traduzzjoni tagħhom turi li l-Malti kapaċi jassorbixxi l-istil elaborat misjub fihom. Ittraduċejt ukoll siltiet qosra fosthom "Il-Papa Miet" ta' Daudet li dehret f'"Leħen il-Malti" u s-silta bl-isem ta' "Malte" minn *Servitude et grandeur militaires* ta' Vigny li ġiet ippubblikata f'"Il-Malti". L-għażla tiegħi taqa' fuq Balzac, Flaubert u Proust għax huma l-irkiekel ewlenin fis-sinsla tad-dahar tar-rumanz Franċiż.

**X'toffri l-letteratura Franċiża li letteraturi oħrajn ma joffrux?**

Kull letteratura għandha x'toffri. Sintendi, għax studjajt il-letteratura Franċiża napprezza aħjar x'toffri hi milli x'joffru letteraturi oħrajn. Fiha niltaqgħu ma' awturi u ħassieba kbar bħal Rabelais, Montaigne, Marivaux, Racine, Molière, Voltaire, Hugo, Flaubert, Stendhal, Balzac, Proust, Claudel, Gide, Mauriac, Malraux, Robbe-Grillet eċċ. Nistgħu ngħidu li kważi kważi l-lista ma tispiċċa qatt!

**Illum hemm ukoll il-letteratura dinjija ("World Literature"). Huwa hawn fejn it-traduzzjoni takkwista rwol ewlieni. F'moħħi għandi lit-Tradittrici Amerikana Ann Goldstein li ttaduċiet ix-xogħlijiet kollha tal-kittieb/a li j/tuża l-psewdonimu Elena Ferrante. Xi tgħid dwar dan?**

Il-lingwa tappartieni għal pajjiż, għal grupp ta' nies, iżda l-letteratura, irrispettivament minn liema lingwa u minn meta nkitbet, tappartieni għall-umanità

kollha u b'hekk tagħmel parti mil-letteratura dinjija. It-traduzzjoni hi l-mezz li bih kull letteratura titwassal lil min ma jistax jaqraha bil-lingwa oriġinali. Hi tkisser il-kompartimentalità u toħloq sens ta' globalizzazzjoni u ta' unità.

**Kemm iddum inti biex tittraduċi xogħol partikolari ta' kittieb partikolari? X'inhuma l-fażijiet li tgħaddi minnhom sakemm joħroġ il-ktieb-traduzzjoni stampat?**

Ix-xogħol jiddependi mit-tul u t-toqol tal-ktieb. Pereżempju f'*Salammbô* ħtieġli nagħmel riċerka kbira biex insib l-ekwivalenza lessikali. It-traduzzjoni ħaditli aktar minn erba' snin biex lestejtha. Biex nittraduċi ċerti frażijiet ta' Proust jinvolvili bil-bosta aktar ħin milli kieku nittraduċi paġni sħaħ ta' awtur ieħor! Fl-ewwel fażi nibda nittraduċi u fl-istess waqt nirriċerka dwar l-awtur u xogħlijietu. Kif inlesti tibda l-fażi tal-qari tal-provi. Hawnhekk nista' ngħid li kelli x-xorti li dan jagħmluhuli l-ħbieb tiegħi Stephen Bonanno u Mario Cassar li magħhom ngħaddi xhur sħaħ niddiskuti d-diffikultajiet tiegħi. Bl-għajnuna tagħhom nakkwista ċ-ċertezza li x-xogħol tradott ikun kiseb dak li hu meħtieġ fejn jidħol il-Malti. Imbagħad tibda l-fażi tal-format tal-ktieb, tal-qoxra u tal-istampar.

**Ġieli qlibt xogħlijiet letterarji Maltin għall-ilsien Franċiż? Liema huma dawn? Jekk le, titħajjar xi darba tagħmel dan?**

Lejn il-Franċiż qatt ma qlibt xogħlijiet mill-Maltin. It-traduzzjoni mill-Malti għall-Franċiż fil-fehma tiegħi trid tkun magħmula minn persuna ta' nisel Franċiż li taf il-Malti sew. Nista' kieku rrid imma xejn ma jħajjarni li nagħmel dan. Jekk nagħmel dan il-Malti xi jkun qed jakkwista bħala lingwa? Nippreferi wkoll li l-qarrejja lokali jkollhom aktar għażla x'jaqraw meta jfittxu ktieb bil-Malti u din l-għażla tista' tikber biss b'mod estensiv permezz tat-traduzzjonijiet letterarji lejn il-Malti u mhux bil-maqlub. L-akbar ħtieġa tinstab fit-traduzzjoni lejn ilsienna u jekk tassew irridu nżidu l-qari bih, hu f'dan il-qasam li jeħtiġilna li niffukaw l-enerġija, l-ispeċjalizzazzjoni u r-riżorsi limitati tagħna.

**Hemm min jgħid li x-xogħol letterarju tradott hu minnu nnifsu opra tal-arti, opra li teħtieg kreattività. Xi tgħid dwar dan?**

Għalija t-traduzzjoni hi sengħa, l-opra tal-arti




tappartieni għall-kittieb kreattiv. Jekk jien qed nittraduċi lil Proust ma jfissirx li jien għandi l-kapaċitajiet letterarji ta' Proust! Il-kapaċità tiegħi bħala traduttur trid tiġi vvalutata meta xogħli jitqabbel ma' dak ta' tradutturi oħrajn kemm lokali kif ukoll barranin. Xejn aktar. Pereżempju, jekk it-traduzzjoni tiegħi ta' Proust tispikkax fuq il-verżjoni Ingliża ta' Scott Moncrieff? Jekk tispikka jkolli mertu, iżda li nassumi li jien għandi l-kapaċitajiet ta' Flaubert jew Balzac inkun qed inkun ridikolu miegħi nnifsi. It-traduzzjoni ta' Saydon tispikka għax tħabbatha ma' traduzzjonijiet oħrajn iżda b'ebda mod ma nistgħu ngħidu li kiteb il-Bibbja jew li hu Evaġelist! Is-sodisfazzjon niksbu jekk l-awtur jirnexxili nirreplikalu xogħlu. L-unur tal-kreattiva jappartieni għall-awtur, għalija is-sodisfazzjon hu li nirreplika f'xogħli din il-kreattività b'mod awtentiku u jekk jista' jkun definittiv.

**Liema huma s-sodisfazzjonijiet tiegħek bħala traduttur?**

Kelli sodisfazzjon kbir li rbaħt il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fil-kategorija tat-traduzzjoni darbtejn:




b'*Salammbô* (2015) u b'*Combray* (2017). Apparti li t-traduzzjonijiet l-oħrajn kollha ġew wkoll innominati. Dan jagħmilli kuraġġ biex inkompli nikkontribwixxi għas-sopravivenza tal-Malti.

**Proġetti futuri?**

Li nispiċċa t-traduzzjoni iebsa ta' *À la Recherche du temps perdu* ta' Proust. Bdejt ukoll La *faute de l'abbé Mouret* ta' Zola u nixtieq li xi darba nittraduċi xi rumanz ta' Hugo jew Standhal, però għalissa dan hu xi ftit ambizzjuż. Fil-ġejjieni beħsiebni wkoll nikteb aktar dwar it-teorija tat-traduzzjoni.

## Ħabib

**Kitba ta' Vanessa Fenech**

Hemm fis-skiet ... maqtugħa għaliha waħedha. Ta' kuljum kont issibha tindokra l-ġnien li kellha fuq in-naħa ta' wara tad-dar. Imdawra bir-riħa tal-frott u l-fjuri kienet sabet il-paċi. Tal-anqas hawnhekk mal-ewwel pass li kienet tagħmel fil-ħamrija, kulħadd kien jagħtiha ġieħ.

Lumija, Lanġasa, Larinġa u Ħawħa kienu jilqgħuha bl-aqwa frott li jkunu għamlu. Dlonk kienet tgħaddi kelma ta' radd il-ħajr hekk kif kienu jagħtuha daqqa t'id titfa' l-frott fil-bixkilla. Matul il-mixja tagħha qalb dik is-sbuħija naturali li kienet tħaddar dak il-ġnien, b'reqqa kbira araha tnaqqi l-ħaxix ħażin. Il-ħbiberija tagħha mas-siġar u l-pjanti kienet iżżommha friska b'satal ilma li kienet timla mill-bir. B'għożża kbira kienet tersaq viċin ta' kull waħda minnhom u tisqihom.

Mal-għannejja li ta' kuljum kienu jżuru l-ġnien għal xi loqma ħobż, dan l-aħħar kienet qiegħda tisma' għanja ġdida. Għanja partikolari! Ma kinitx bħall-oħrajn. Il-ġibda lejn din l-għanja ġagħlitha tgħarrex biex tara minn fejn kienet ġejja. Hekk kif resqet maġenb id-dielja li kellha xxebblek fir-rokna tal-ġnien, tilmaħ ġmiel li qatt qabel ma kienet rat bħalu. B'rix aħmar bejn għajnejh u fuq sidru kien qiegħed itir minn fuq fergħa għal oħra ferħan jgħanni. Ħassitha qiegħda fl-aqwa kunċert. Tgħid x'jismu? Baqgħet hemm tisimgħu sakemm tar u għeb.

L-għada maż-żerniq qalbha mxiet lejn id-dielja u qalb il-weraq ħadrani lemħet il-ħmurija tar-rix. Resqet inkiss inkiss lejh filwaqt li hu ta bidu għall-kunċert ieħor. L-għanja tiegħu kienet tisboq kull ġmiel u hi ma kinitx titħarrek minn ħdejh. L-għannej kien ħadha drawwa li jiġi jżurha kuljum u l-ħbiberija ta' bejniethom kompliet tissaħħaħ. Il-ħabib tar-rix ħamrani kien sar il-ġojja ta' ħajjitha. Ġojjin – ħabib dejjiemi.






**INTERVISTA MA' CHARLES MIFSUD DWAR IL-KTIEB TIEGĦU *MID-DJARJU TA' ĠENSNA* U ĦWEJJEĠ OĦRA**

**Dan huwa it-tielet ktieb tiegħek. X'kien hemm qabel dan?**

Meta nitkellmu dwar il-ktieb tiegħi *Mid-Djarju ta' Ġensna*, ippubblikat fis-sena 2007, ngħidlek iva, dan huwa t-tielet ktieb tiegħi. Għalija, dan huwa xi ftit jew wisq partikolari, għall-fatt li jiġbor fih il-ġrajjiet prinċipali li sawru l-istorja ta' pajjiżna, minn żmien qabel Kristu, sat-tluq tal-Ingliżi minn Malta. Il-Professur Oliver Friggieri, fid-daħla tiegħu għall-ktieb jgħid, "Charles Mifsud qiegħed jagħti b'din il-ġabra ta' poeżiji *Mid-djarju ta' Ġensna*, damma ta' poeżiji li bejniethom, imqegħdin fl-ordni taż-żmien, isawru ħarsa panoramika lejn il-mixja tal-poplu Malti, mill-bidu magħruf sa żmienna. Il-fażijiet ewlenin li jiffurmaw l-esperjenza politika u kulturali tal-poplu Malti huma msenslin flimkien b'mod li l-poeta jasal joffri rakkont wieħed u sħiħ, organiku, magħmul minn epoki li kull waħda tfakkar fl-epoka ta' qabilha, u tistieden lil ta' warajha."

F'dan il-ktieb, wieħed isib ukoll ir-rakkont dettaljat ta' dak li ġara fl-1565, fil-poeżija epika, "Ġrajjiet l-Assedju, 1565". Din hija poeżija epika, l-ewwel waħda fil-Letteratura Maltija, b'aktar minn disa' mitt vers mifruxa fuq ħamsa u tletin paġna tal-ktieb.

Dwar dan il-ktieb, il-Professur Oliver Friggieri fost affarijiet oħra kiteb hekk: "Charles Mifsud jikteb b'Malti mirqum, wiesa' fl-għażla tal-kliem, f'saħħtu fil-binja sintattika, imlewwen fid-deskrizzjoni u konsistenti fil-pass narrattiv."

Qabel dan il-ktieb kelli żewġ pubblikazzjkonijiet oħra, *Tnejn Flimkien* (2003), li kien jittratta temi differenti, u *In-Nisġa tal-Għanja* (2006), ġabra ta' poeżija Marjana.

**Għaliex it-titlu *Mid-Djarju ta' Ġensna*? Kif twieled xogħol bħal dan? Kemm sigħat ta' preparazzjoni u ħsieb hemm warajh?**

Interessanti. Niftakar, fis-sena 1972, kont bdejt nikteb il-poeżija "Sant' Iermu f'Idejn l-Għadu", poeżija ta' 240 vers imqassma fuq 24 strofa ta' għaxar versi kull waħda u b'metrika ta' AA BB Ċ DD EE Ċ. Għaddew is-snin u tħajjart li nipprova nagħmel il-ġrajja kollha tal-Assedju l-Kbir. Għamilt introduzzjoni, imma mbagħad ħtieġli li nagħmel ċerti riċerki u bdejt naqra kotba biex ikolli stampa ċara ta' dak li ġara. Kelli wkoll immur il-Biblijoteka biex inkompli nfittex aktar dettalji. Hekk hu, kitba bħal din kienet tinħtieġ ħafna ħsieb u preparazzjoni biex tintiseġ. Ma nafx kemm sigħat u jiem, ġieli anke bil-lejl kont nikteb, biex seħħli nlestiha kollha.

**Għaliex għażilt il-ġeneru tal-poeżija u mhux tal-proża għal xogħol bħal dan?**

Kif diġà għidt, il-bidu kien il-poeżija "Sant' Iermu f'idejn l-għadu." Jiena ninnamra ħafna mal-poeżija u ftit nikteb proża, għalkemm għandi mħejji wkoll ktieb bi ħmistax-il novella. Imma l-poeżjia hija l-għarusa li żżommli kumpanija kważi l-ħin kollu, imqar jekk ma nkunx qed niktibha. Il-fatt li ġrajjet pajjiżna hija magħġuna fuq ġrajjiet u waqtiet differenti, ħassejt li bir-ritmi differenti li użjat, stajt nagħti aktar ħajja lil dan ir-rakkont.

**F'dan il-ktieb għażilt li taħdem b'sistema kronoloġika, għandek partijiet miktubin bil-metrika**

**u l-prosodija regolari, filwaqt li f'partijiet oħra għażilt li tuża l-vers ħieles. Dan biex bħal torbot episodji partikolari mill-istorja ta' Malta u Għawdex ma' ritmi partikolari. Xi tgħid dwar dan?**

Meta fi ħsiebi ssawret l-idea u ddeċidejt li nikteb dwar l-istorja ta' Malta, kienet ovvja li rrid nibda mill-bidu u ħassejt li kelli nibda bil-versi tradizzjonali biex speċi nidħol b'mod pjuttost kwiet u kalm fil-ġrajja. Imbagħad, meta wasalt fi żmien il-ħakma Rumana, bdejt nara l-ġrajja ssir aktar imqanqla, b'waqtiet u fażijiet differenti. Waqtiet wisq aktar imqallba, dominanza, inkwiet, rabja, konfoffi, għaks, faqar, eċċ. Ħassejt li kelli nesprimi dak li kont qed inħoss b'versi aktar ħielsa biex nagħti aktar ħajja lill-ġrajja partikolari. Hemm ritmi li ħassejt li huma addattati għall-waqtiet ta' gwerer. Oħrajn forsi xi ftit aktar kalmi.

**Fil-ktieb, *Mid-Djarju ta' Ġensna*, hemm il-poeżija "Ġrajjiet l-Assedju 1565" li ttul minn paġna 74 sa paġna 109. Din tista' titqies b'epika? Xi tgħid dwar dan?**

Kif taf sewwa int, l-epika hija poeżija narrattiva, twila u li tirrakkonta ġrajja storika jew mistħajla ta' eroj jew ta' art sħiħa f'waqt ta' eroiżmu. Dawn l-ingredjenti kollha nistgħu insibuhom fil-poeżija tiegħi. Irrid ngħid ukoll li din hija l-ewwel poeżija Maltija ta' dan it-tip. Il-poeta u għalliem Ġużè Chetcuti, fil-ktieb tiegħu *Stilistika Maltija*, jikteb li l-aktar poeżija Maltija li kienet l-eqreb tentattiv ta' epika, kienet "Il-Ġifen Tork", imma din qatt ma kienet meqjusa bħala epika.

Iva, għandi konferma li din hija poeżija epika kollha kemm hi.

**Kemm hu importanti li l-ġenerazzjonijiet iż-żgħar jagħrfu l-importanza tal-istorja ta' pajjiżhom, anki f'kuntesti aktar kbar bħalma hu dak Mediterranju, Ewropej u dinji? Kif taraha r-relazzjoni taż-żgħażagħ ma' dan kollu llum?**

Naħseb, li fil-każ ta' pajjiżna, din hi mistoqsija li twieġeb lilha nnifisha. Kif jista' wieħed jgħid li jaf lil ommu (Malta) jekk ma jaf xejn dwar ommu, dwar l-Ilsien tagħha, dwar dak li jagħtiha identità, il-ġrajjiet li sawru l-istorja u n-nies li taw sehemhom, anke ħajjithom, biex seta' jseħħ dan kollu? Għalhekk nemmen li huwa importanti ħafna li kulħadd, mhux biss iż-żgħar, għandu jkun konxju, imqar tal-



Charles Mifsud

periferija tal-istorja ta' pajjiżhom.

Inkwantu ta' storja Mediterranea u Ewropea, sa ċertu punt, anke dawn għandhom konnessjoni ma' ġrajjet pajjiżna. Barra minn hekk, naħseb li anke hawn, għall-fatt li issa l-Ewropa nistgħu ngħidu li saret stat wieħed magħqud, huwa meħtieġ li wieħed iħares b'lenti aktar ċara lejn l-evolviment tal-istorja, anke politikament.

**Inti kittieb tal-kanzunetti varji li tant kienu rikonoxxuti li rebħu premjijiet prestiġġjużi. Xi tgħid dwar dan? X'inhi r-relazzjoni tiegħek bħala kittieb tal-kanzunetti ma' min jimmużikahom u ma' min ikantahom?**

Kemm ħadtni lura fis-snin! Sewwa qed tgħid. Fil-fatt l-ewwel darba li ktibt għall-pubbliku kien fis-sena 1971, meta ktibt il-versi tal-kanzunetta "Marija l-Maltija" li eventwalment kienet l-ewwel kanzunetta Maltija li pparteċipat fil Eurovision Song Festival, meta dan sar fl-Irlanda. Wara dan is-suċċess bdew javviċinawni kompożituri oħrajn biex nikteb il-versi għall-mużika tagħhom. Niftakar fost oħrajn lill-Maestro Carmelo Zammit, li sirna ħbieb ħafna ta' xulxin u li miegħu ktibt numru kbir ta' kanzunetti, lil Victor Zammit, Ines Lombardo, Sammy Galea,

Domnic Galea, u tant oħrajn. Fis-sena 1972 ktibt il-kanzunetta "Fejn Tistrieħ il-Qalb" u kont ksibt it-tieni post fil-Malta Song Festival. Impossibbli noqgħod insemmi kemm u xi ktibt, imma fis-sena 1975 erġajt ippartecipajt fil-Eurovision Song Contest li kien sar ġewwa Stokkolma, fl-Isvezja, bil-kanzunetta "Singing This Song." Din kienet ukoll l-ewwel kanzunetta Maltija li ġiet interpretata bl-Ingliż. Forsi hawn nista' nissogra ngħid li kont pijunier għal darbtejn.

Kanzunetta oħra li baqgħet popolari hija "Iz-Zekzieka", li biha kont irbaħt ukoll diversi festivals. Dwar ir-relazzjoni tiegħi ma' kompożituri u kantanti, ikolli nistqarr li ftit għadni niltaqa' magħhom għall-fatt li m'għadnix nipparteċipa f'festivals. Barra minn hekk kif għidt fil-bidu, illum ninnamra ġeneralment mal-poeżija biss, għalkemm irrid ngħid ukoll li ktibt ħafna innijiet liturġiċi  li għadhom jitkantaw f'diversi knejjes. Għandi wkoll żewġ oratorji Marjani li ktibt, wieħed fl-2001, fl-okkażjoni tal-Ħamsin Sena mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna tal-Grazzja, meqjuma f'Ħaż-Żabbar u l-ieħor li ktibt għall-okkażjoni taċ-Ċentinarju mill-Inkoronazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna tal-Ħerba 2010, meqjuma ġewwa Birkirkara. Aktar riċenti ktibt l-innu marċ bil-Malti tal-banda Duke of Connougħt (Tal-Għama) ta' Birkirkara. Imma l-poeżija, għalija, tirbaħ fuq kollox.

**Naf li l-kanzunetta u l-poeżija għandhom għadd ta' punti komuni. Xi tgħid dwar dan? Minn fejn tikseb l-aktar sodisfazzjon, mill-kitba tal-kanzunetti jew mill-kitba tal-poeżija?**

Ir-regola, ġeneralment tgħid li għall-kanżunetta, l-ewwel jinkitbu l-versi mbagħad il-mużika. Mela l-kanżunetta hija poeżija mmużikata. Fil-fatt, tista' tkun anke poeżija tradizzjonali li ssirilha mużika addattata għas-suġġett tagħha. Imma jien inħobb aktar li meta nikteb il-lirika jkolli l-ewwel il-mużika, imbagħad nikteb il-versi, għax b'hekk inkun nista' nifhem aktar x'kellu fi ħsiebu l-kompożitur, nisma' l-melodija u naddata l-versi għaliha.

Kien hemm żmien meta l-kitba tal-kanzunetti kienet ittini ħafna sodisfazzjon u erbaħt ħafna festivals. Imma kif għidt fil-bidu, illum l-għarusa tiegħi hija l-poeżija u meta nikteb xi innu liturġiku. Forsi l-fatt li l-ewwel ma bdejt nikteb kienu l-kanzunetti jista' jkun ta' vantaġġ, li minħabba li kont drajt nikteb fuq il-mużika l-poeżija tiegħi nara li tkun kemm jista' jkun melodjuża fil-ħoss tagħha.

**X'tirrekjedi l-kitba tal-kanzunetta? Kif tvarja minn meta tikteb poeżija?**

Sinċerament ngħid li għalija ma nsib ebda differenza. Jiena ġieli kelli poeżiji li ġew immużikati, waqt li ħafna drabi oħra kont jien li addatajt il-versi għall-mużika. Fil-poeżija trid tieħu ħsieb fejn se jaqgħu l-aċċenti, skont il-metrika li qed tikteb biha, barra l-metafori li wieħed jista' juża, u tara li l-poeżija se tingħata interpretazzjoni tajba mill-qarrej. L-istess jista' jingħad għal meta tikteb il-versi fuq in-noti. Importanti li jkollok sillabi daqs kemm għandek noti, l-aċċenti jaqgħu fejn u kif suppost, waqt li t-tema tal-versi trid tkun addattata għat-tip ta' mużika li se takkompanjahom. Naħseb li dawn huma l-bażijiet prinċipali li wieħed irid joqgħod attent għalihom, kemm jekk qed tikteb poeżija u kemm jekk qed tikteb il-lirika.

**Naf li inti awtur ta' kotba oħrajn. Fil-qosor, liema huma dawn u dwar xiex inhuma?**

Wara t-tielet ktieb li tkellimna dwaru ktibt erba' kotba oħra:  *U Ġejt Terġa' Tħabbatli* (2009), poeżiji reliġjużi/spiritwali, *Il-Blata Tiegħi* (2011), poeżiji reliġjużi u Marjani,  *Għanjiet il-Qalb* (2013), b'temi varjati u li ktibtu għall-erbgħin anniversarju taż-żwieġ, u *Fejn Jimraħ il-Ħsieb* (2017), b'temi varjati wkoll.

Jiena nikteb ukoll għamla ta' sunetti, li naħseb li huma oriġinali (naħseb, imma jien qatt ma rajt bħalhom), u li jien qed insejħilhom Sunett Malti. Qed nirreferi għal dawk li huma maħduma b'erba' terzini u jagħlqu b'żewġ versi fl-aħħar. Apparti dan, jien inħobb nesperimenta b'kollox: bis-saffika, bil-karmè, ippruvajt bl-epika, bil-vers tradizzjonali u b'dak ħieles, il-ħajku, l-epigrammi, u l-limerikki.

**Proġetti għall-futur?**

Iż-żmien igerbeb u aktar ma jgerbeb aktar nasal lejn ix-xifer. Imma jien nibqa' nħares 'il quddiem u nista' ngħid li għandi ġabriet oħra lesti għall-pubblikazzjoni. Poeżiji: *Qatriet in-Nida*, *Frieghi taż-Żebbuġ*, *Stellini*, *Bixret il-ħsieb*, *Arbuxelli u Mixtla Ħiemda*. Għandi wkoll ħmistax-il novella varjati, bl-isem ta' *Ħodon Fjuri*.

Nistennew u naraw kemm il-Mulej se jislifni żmien u l-but kemm jista' jipprovdi.



## IL-PONT JINTERVISTA LILL-PROF. ANTHONY AQUILINA DWAR IS-SENGĦA TAT-TRADUZZJONI:

**Rajt li erġajt ippubblikajt żewġ traduzzjonijiet sbieħ oħrajn. Prosit ta' dan. Xi tgħid dwar dan?**

Grazzi tal-kumpliment. Qed tirreferi għar-raba' volum bir-rakkonti u novelli ta' Guy de Maupassant u ż-żewġ drammi simbolisti ta' Maurice Maeterlinck. L-ambizzjoni tiegħi hi li xi darba nippubblika l-istejjer kollha ta' Maupassant. S'issa ħriġt xi ħamsin storja. Għad jonqos mal-mitejn u ħamsin oħra. It-triq għadha twila, imma xi darba naslu. Milli jidher jinżlu tajjeb mal-qarrejja Maltin. Inkwantu għal *'L-Intruża'* u *'L-Għomja'* ta' Maeterlinck, billi ftit huwa magħruf mal-pubbliku Malti, għad li rebaħ il-Premju Nobel fl-1911, żidt studju ċkejken fuq quddiem biex min irid ikun jista' japprofondixxi s-suġġett.

**Illum fl-Università ta' Malta hemm id-Dipartiment tat-Traduzzjoni. Huwa dipartiment li qed jikber dejjem iktar. Liema huma dawk l-istudenti li jagħżlu kors fi ħdan dipartiment bħal dan?**

L-isem sħiħ huwa Id-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretazzjoni. Id-Dipartiment jaf il-bidu tiegħu għat-tim madwar il-Prof. Joe Eynaud li stinka sabiex jissawwar programm ta' studju eklektiku u modern għat-taħriġ ta' tradutturi u interpreti li kien ser ikun hemm bżonn bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fl-2004. Ma ngħoddhomx in-numru ta' studenti li ħarriġna f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena. Illum il-ġurnata aġġornajna l-programm tagħna, prinċipalment biż-żieda tat-Traduzzjoni Awdjo-Viżiva u nistgħu niftaħru li l-kors tagħna hu rikonoxxut internazzjonalment permezz tal-European Master's in Translation Label. L-istudenti tagħna jiġu minn kwalunkwe dixxiplina basta jkollhom diġà l-ewwel grad universitarju. L-importanti li min japplika jkun motivat u jinqala' sew fl-ilsien nattiv tiegħu jew tagħha.

**X'jirrikjedi x-xoghol ta' traduttur serju?**

Ix-xogħol tat-traduttur hu wieħed ta' paċenzju kbira u t'umiltà. Huwa minnu li llum hawn ħafna għodod li jgħinu biex jitħaffef ix-xogħol tat-traduttur. Iżda jibqa' l-fatt li dak li jkun ma jingħatax dokumenti x'jaqleb li jkunu għal qalbu biss. Is-sigħat quddiem kompjuter jisgħu ikunu twal billi x-xogħol ikun irid isir f'qasir żmien. Anki jekk normalment ma jkunx jiddependi kollox minn persuna waħda, imma xorta trid tkun kapaċi tagħmel xogħol ta' reviżjoni u qari tal-provi. It-testi għat-traduzzjoni jistgħu jkunu fuq kull suġġett taħt il-kappa tax-xemx – ekonomiċi, legali, teknoloġiċi, xjentifici, mediċi, letterarji, eċċ. U l-professjoni titlob li ssir ir-riċerka. Wieħed malajr jinduna kemm għad baqagħlu x'jitgħallem.

**Inti llum l-awtur ta' numru sabiħ ta' traduzzjonijiet maqlubin mill-Franċiż għall-Malti. Liema huma dawn ix-xogħlijiet? Għaliex l-għażla taqa' fuq ċerti kittieba u mhux fuq oħrajn?**

Il-lista hiju pjuttost twila. Barra l-erba' volumi bl-istejjer ta' Guy de Maupassant u d-drammi ta' Maeterlinck li semmejt aktar 'il fuq, il-lista tat-traduzzjonijiet tiegħi mill-Franċiż għall-Malti hi din li ġejja: *L-Arlesjana* ta' Alphonse Daudet, *Is-Sajf* ta' Albert Camus, *Il-Ħabiba ta' Madame Maigret* ta' Georges Simenon, *Iċ-Ċkejken Prinċep* ta' Antoine de Saint-Exupéry, *Is-Sinfonija Pastorali* ta' André Gide, *Sa Ma Jasal Godot* ta' Samuel Beckett, *L-Alla tal-Ħerba* ta' Yasmina Reza, *Neżlin Bħax-Xita* ta' Sébastien Thiéry, *Is-Sur Ibrahim u l-Fjuri fil-Koran* ta' Éric-Emmanuel Schmitt, *Malta Ħanina* ta' Daniel Rondeau, *Passjoni Sempliċi* ta' Annie Ernaux u *Antigona* ta' Jean Anouilh. Hemm imbagħad traduzzjonijiet mill-Ingliż għall-Malti: *Ħafna Ħajjiet, Ħafna Mgħallmin* ta' Brian Weiss, *Dinjet il-Qattus* ta' Desmond Morris u *Il-Ġgant id-Dħuli* ta' Gladys Masters. Hemm ukoll traduzzjonijiet tiegħi f'Antoloġiji u pubblikazzjonijiet oħrajn ma' ħaddieħor fosthom il-manwal tat-traduzzjoni

*Théorie et pratique de la traduction littéraire français-maltais* ma' C. Borg u A-M. Busuttil. Ma rridx ninsa t-traduzzjoni bil-Malti tas-sottotitli ta' għaxar films għaċ-ċinema li għamilt ma' daqstant studenti tal-Maġisteru fit-Traduzzjoni u li huma tant għal qalbi.

Ngħid għalija r-raġunijiet għala l-għażla taqa' fuq ċerti awturi u mhux fuq oħrajn huma varji u m'huma marbutin ma' ebda linja ta' ħsieb partikulari. Pereżempju, meta qlibt *Antigona*, jien kont nistudjah bħala student għal-livell avvanzat għax kont nemmen (kif għadni) li m'hemmx mod aħjar mit-traduzzjoni biex taħkem test tajjeb. Li ġara, meta mbagħad spiċċajt ngħallmu l-Junior College użajtu fil-klassi u studenta, illum attriċi, kienet talbithuli. Erġajt iltqajt magħha xi sentejn ilu u wegħedt li norqmu u nippubblikah. Id-drammi ta' Maeterlinck ilhom tradotti miż-żmien li fih kont nistudja għal għalliem għax wieħed minn sħabi ried itellgħu f'waħda mill-bosta attivitajiet letterarji li kien ikollna. *L-Alla tal-Ħerba* u *Neżlin Bħax-Xita* għax intlabt mill-Alliance Française. *Monsieur Ibrahim et les fleurs du Coran* għax kont qiegħed Monpellier u ma stajtx norqod. *Dinjet il-Qattus* għax meta kont Franza waħdi nistudja fit-tmeninijiet kien għadu kif ġie ppubblikat u servieni biex jimla l-vojt li ħassejt mingħajr l-kumpannimali (pets) li kelli nħalli warajja Malta. *Malta Ħanina* għax kont wegħedt lill-eksambaxxatur Franċiż għal Malta, illum wieħed mill-Academiciens, li naqilbu. U nistgħu sejrin hekk. Naturalment hemm il-kotba ta' awturi li qlibt għax kont ngħallimhom il-Junior College jew l-Università. Camus li studjajtu jien għad-Dottorat għad ippubblikajt wieħed biss tiegħu, imma hemm lista sħiħa tax-xogħlijiet tiegħu lesti fil-kju.

**X'toffri l-letteratura Franciza li letteraturi ohrajn ma joffrux?**

Għandna bżonn traduzzjonijiet mill-ilsna kollha għax ilkoll għandhom x'joffru. Fil-każ tiegħi l-aktar li qlibt mill-Franċiż għax dak hu l-ilsien li speċjalizzajt fih u s-serjetà tal-professjoni titlob li t-traduttur ikollu ħakma sħiħa ta' dik fil-mira kif ukoll tal-lingwa sors. Mil-lat akkademiku l-Franċiż minn dejjem kien fuq quddiem nett f'dik li hi kitba kreattiva li l-kapolavuri li nkitbu b'dan l-ilsien ma jispiċċaw qatt. Jekk Alla jislifni l-għomor u l-fondi ma jonqsux hemm lista sħiħa ta' xogħlijiet jistennew għall-pubblikazzjoni sew mill-Franċiż kif ukoll minn ilsna oħra.




**Illum hemm ukoll il-letteratura dinjija ("World Literature"). Huwa hawn fejn it-traduzzjoni takkwista rwol ewlieni. F'moħħi għandi lit-tradittriċi Amerikana Ann Goldstein li ttaduċiet ix-xogħlijiet kollha tal-kittieb/a li j/tuża l-psewdonimu Elena Ferrante. Xi tgħid dwar dan?**

Naqbel miegħek kompletament inkwantu għat-traduzzjoni tal-Letteratura Dinjija. U hawn ukoll fejn traduttur m'għandux ċans jibqa' inviżibbli għall-vantaġġ tiegħu. F'pajjiżi oħra min jilħaq dan l-istatus ta' World Literature Translator għandu garanzija ta' mpieg bi ħlas tajjeb ħafna prattikament għal għomru. Traduttur ta' dal-livell m'għandux għalfejn jistenna li jirbaħ xi kompetizzjoni biex jara xi ewro fuq ir-riħ. Li kelli niġi rikonoxxut ngħidu aħna bħala t-traduttur ewlieni tax-xogħlijiet ta' Maupassant u/jew Camus, nitlaq kwalunkwe ħaġa oħra, niddedika ħini għal awtur wieħed b'mod speċjali. Ara tafx b'xi ħadd lest jagħmilha Patrick?

**Kemm iddum inti biex tittraduċi xogħol partikolari ta' kittieb partikolari? X'inhuma l-fażijiet li tgħaddi**

**minnhom sakemm joħroġ il-ktieb-traduzzjoni stampat?**

Kif tista' timmaġina jien irrid inlaħħaq ma' ruxmata affarijiet, anki jekk għandi l-vantaġġ li xogħli l-università marbut mat-traduzzjoni. Parti mit-tweġiba tiegħi għal dil-mistoqsija tinsab f'mistoqsija numru 4. Ma nħossnix inkun sinċier jekk nagħti xi ċifra partikolari. Li nista' ngħidlek hu li l-ewwel ġett tat-traduzzjoni normalment ma toħodlix ħafna żmien. Ħamsin faċċata f'ġimgħa ġieli tellajthom, imma kien hemm awturi li kont inkun kuntent b'għaxra fil-ġimgħa (mit-Tnejn sas-Sibt). Jiddependi fuq ħafna fatturi, is-suġġett, l-istil tal-kittieb, il-burdata tiegħi, eċċetra. Li mbagħaad verament jeħodli l-ħin hu meta niġi biex norqom. Lanqas ngħoddhom is-sigħat, il-ġranet, ix-xhur. Wara li nkun sodisfatt b'xogħli, nitilqu minn idi għal xi xahar, nerġa' naqbdu għar-reviżjonijiet u fl-aħħar ngħaddih għall-qari tal-provi. Preferibbilment nagħtih lil xi ħabib imma nżomm id-dritt li l-aħħar kelma tkun tiegħi. Il-ftehim tiegħi mal-pubblikaturi dejjem kien li nidħol f'kuntatt mat-tebbiegħ sabiex inkun nista' ntejjeb sal-aħħar. Naturalment, il-fatt li jien l-editur tal-Kullana tat-Traduzzjonijiet Faraxa sewa biex nibni esperjenza.

**Ġieli qlibt xogħlijiet letterarji Maltin għall-ilsien Franċiż? Liema huma dawn?**

S'issa għadni ma qlibtx xogħlijiet letterarji mill-Malti għall-Franċiż. Meta tiġi l-opportunità nagħmluha bħal fil-każ ta' *Three Women and a Woman / Tliet Nisa u Mara* ta' Mariella Pisani Bencini mill-Malti għall-Ingliż.

**Hemm min jgħid li x-xogħol letterarju tradott hu minnu nnifsu opra tal-arti, opra li teħtieġ kreattività. Xi tgħid dwar dan?**

Naqbel mija fil-mija, basta t-traduzzjoni tkun ta' livell. Il-verità hi li dan mhux dejjem hu l-każ f'pajjiżna. Fil-korsijiet tagħna l-università qed isiru analiżijiet tat-traduzzjonijiet antiki kif ukoll reċenti skont kif titlob is-sengħa u qed insibu li fil-maġġoranza tagħhom lanqas it-tħaddim tal-għodod tat-traduzzjoni mhu qed isir bil-galbu, aħseb u ara jilħqu l-livell ta' opra artistika.

**Liema huma s-sodisfazzjonijiet tiegħek bħala traduttur?**

Kull traduzzjoni tajba tagħtini sodisfazzjoni ta' missier. U dan diġà aċċennajt għalih meta weġibt għal mistoqsijiet oħrajn. Iżda jekk tippermettili nixtieq insemmi s-sodisfazzjon ta' għalliem li xpruna t-traduzzjoni u t-traduttoloġija fid-Dipartiment tal-Franċiż tal-Università tagħna bl-Initiation à la traduction, Traduction 1 u Traduction 2 u dakkar numru ta' studenti mhux ħażin biex jidħlu għal dis-sengħa u arti fl-istess ħin. Sodisfazzjon ieħor hu li kont strumentali biex tibda l-AVT permezz tas-sottotitular tal-films. Sodisfazzjon ieħor u nieqaf hawn, (għax l-umiltà li semmejt qabel ma tridx tkun waħda taparsi), hi l-kollaborazzjoni tiegħi ma' ħafna nies bl-iskop ewlieni li jitjieb il-prodott finali tat-traduzzjoni, u ma nħallux lill-qarrejja Maltin jittewbu aktar bil-għatx u bil-ġuħ għal xi ħaġa tajba x'jaqraw. Apparti hekk, irbaħt il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għat-Traduzzjonijiet erba' darbiet, u l-premju internazzjonali Premio Ostana - Scritture in Lingue Madre - Categoria Traduzione.



## ALJENAZZJONI - FIDDA, BIZZILLA U PORĊELLANA

**Kitba ta' Carmen Refalo**

Hu kien il-'coffee-pot'; hekk kienet issejjaħlu Amalia. Kien wirtet is-sett kollu mingħand Ottavio ir-raġel tagħha li kien jgħum fil-flus. Hu kien trabba waħdu: la kellu aħwa u lanqas kuġini, u wiret il-ġid kollu ta' zijietu ma' dak li kien ħallielu missieru. Kien iħobb jonfoq l-aktar f'biċċiet tal-fidda mastizz u porċellana fina. Lill-mara kien jixtrilha l-bizzilla ta' Malta kull meta jiltaqa' ma' xi ħaġa li togħġbu: rikka, maħduma bir-reqqa u mimlija sew bil-pont dubbiena. Imma minn dal-ġid kollu ma kien juża xejn, għalkemm la tfal u lanqas xi kelb tar-razza ma kellu li setgħu jagħmlulu l-ħsara. Il-qtates li kienu jazzardaw jinżlu fil-ġnien tgħallmu jagħrfuh minn seba' mili 'l bogħod; kienu jitwerwru minnu.

"Amalia titlaq xejn f'idejn is-sefturi għax il-fidda tinbarax, il-bizzilla titqatta' u l-porċellana titfarrak," kien ifakkarha ta' spiss, "ftakar kemm ħallast flus għalihom."

"Ottavio ħanini, tinsiex li aħna qed nixjieħu kuljum, anke jekk noqgħodu ġo bozza flimkien," u għal dak il-ħin kien jagħlaq ħalqu, joħroġ sigarru mill-but tal-ġlekk u sakemm iqabbdu jmur idur u jgħarrex fil-ġnien biex jara jilmaħx xi qattus.

Darba minnhom ħa grazzja ma' sett tal-kafè: kien magħmul minn ċeramika fina, imżejjen bl-idejn. Ma kienx perfett għax is-sett kellu żmien iktar minnu, imma xorta waħda xtrah. Ma gawdihx ħafna għax miet ftit wara.

Għall-ewwel anniversarju tat-tieġ tagħhom ħa lil martu tlett ijiem Milan biex jisma' lil Maria Callas, is-soprana l-iżjed famuża matul il-ħamsinijiet, tkanta fit-Teatru La Scala. Għalkemm missieru kien ilu jħajru kienet l-ewwel darba li daq l-opra barra minn Malta u minn dakinhar baqa' jagħmilha mill-anqas darba fis-sena. Għall-ewwel snin martu baqgħet tmur miegħu; mhux għall-kant u l-mużika li kellha tisma' bilfors kuljum ġo darha. Għax kif żewġha kien jirfes ġod-dar kien ikun pront jitfa' d-diska iddur fuq il-gramofon. Imma mill-palkett tat-teatru setgħet toqgħod titpaxxa bil-ġmiel maestuż tiegħu, bl-ilbies ta' fuq il-palk, u bin-nies deħlin lebsin rikk u mal-moda. U meta jitfi kellha ħabta tpoġġi widnejha



mad-diviżorju biex tipprova tisma' xi jkun qed jingħad fil-palkett ta' maġenbha; it-Taljan kienet tgħallmitu iżjed mill-Malti. Sadattant żewġha kien ikun aljenat jisma' bil-ħerqa u jittromba kemm lejn il-palk kif ukoll lejn in-nies bilqiegħda fil-platea taħthom. Meta xebgħet tmur miegħu ma ħabbilx rasu; beda jitla' mal-ħbieb u jixxala kemm jiflaħ.

Meta wasal għas-sittin sena ried imur Ruma biex mal-ħbieb jisma' lit-Tlett Tenuri jkantaw flimkien f'Caracalla. Kif waslu lura hu u nieżel mill-ajruplan tgerbeb u kif marru fuqu sabuh mejjet.

"Jista' jkun li l-qawwa ta' tliet vuċijiet kienet emozzjoni qawwija wisq għalih," qalet martu lil min staqsiha fuqu waqt il-funeral. Imma ma' sħabha li kienu jafuh sew qalet dak li ħasbet,
"X'aktarx li s-sħana ta' Lulju, l-ikel u x-xorb bla rażan u xi żewġ battikati oħra kienu wisq għalih. Jien naf kif kien żewġi, imma kont ili li waqaft milli ngħir għalih." Minn dakinhar li romlot, Amalia bdiet tuża kulma kellhom merfugħ u titma' l-qtates kuljum.

Għalkemm 'il-coffee pot' kien l-isbaħ biċċa mis-sett kollu, kien hemm plattina ċkejkna, l-unika waħda li żammet it-tiżjin tagħha sabiħ u frisk, bħallikieku ssawret u tpittret minn idejn l-imgħallem il-jum ta' qabel. Kienet il-preferuta tas-sinjura Amalia li sabet kif setgħet twaqqafha, bil-kikkra pariġġha mdendla ftit 'il fuq minnha. Ottavio kien sab biċċa armar tal-fidda u xtraha bi skont mis-suq ta' Lucerne fl-Isvizzra. Għall-ewwel martu ma setgħetx tifhem l-użu tagħha, sula sula, imma malajr ġieha f'moħħha kif setgħet tużaha; u l-plattina s-sbejħa kienet tkun dejjem b'wiċċha fid-deher, wieqfa fuq quddiem tal-vetrina, għolja u wiesgħa, magħmula mill-injam tal-ġewż u kristall imnaqqax b'tiżjien rikk.



Dawn il-biċċtejn, 'il-coffee pot' u l-plattina, għalkemm tal-porċellana, inġibdu lejn xulxin. Spiss kienu jiltaqgħu fil-kċina ħdejn il-mejjilla tal-ħasil, jistennew lil Amalia terfagħhom bil-ħlewwa, tgħaddashom fil-misħun u tixxotahom bl-idejn ġentili tagħha. Wara kellha drawwa tgħolli l-isbaħ plattina quddiem it-tieqa, biex tara d-dawl tax-xemx jaqa' fuqha; kien iġibha tidher qisha mpittra fuq il-karta fina tax-xemgħa. Il-plattini l-oħra ma setgħux jifhmu għaliex, imma t-tbissima ta' Amalia xorta kienet iġġegħelhom jgħiru. Għalkemm Amalia kellha ħafna min jgħinha, ma kienet tafda lil ħadd biex jaħsilhomlha; das-sett tal-kafè kien għal qalbha wisq.

U hekk bdiet l-istorja ta' mħabbithom. Għalxejn iz-zukkariera qaltlu kemm-il darba li l-plattina kienet ċkejkna wisq għalih, dejjem taħt il-kikkra, dejjem nofsha mgħottija waqt il-ħin tal-kafe`; 'il-coffee pot' ma riedx jaf. Baqa' jgħid li lilha biss ried iħobb; kienet ċatta, żnella, ġentili, qatt ma laqtitu bil-goff u li warajh, hi kienet l-isbaħ oġġett fil-vetrina.

Fl-istess waqt sħabha, kienu jpespsulha li 'il-coffee pot' kien imkabbar wisq bih innifsu, moħħhu li jgħarrex u jifli lis-settijiet kollha tal-vetrina. Mhux biss, kellu ħabta jara kif jidher fil-kabarrè tal-fidda li kien jittella' wieqaf ħdejh. Imma hi lilu kienet għażlet; kien l-itwal wieħed u persuntu kienet togħġobha wisq. Dejjem hekk kienet tgħidilhom.

U għaddew is-snin jinħabbu kuljum taħt il-misħun mimli bżieżaq tas-sapun, fin u jiżloq daqs il-ħarir; jgħumu 'l bogħod minn idejn Amalia u b'hekk jibqgħu fl-ilma kemm jista' jkun. Kif jinxfu, erħilha tpoġġihom bil-galbu f'posthom, fil-vetrina tal-kamra tas-salott.

Amalia kienet tħalli l-fided f'idejn Vera, waħda mis-sefturi tagħha. Wara li tkun illustrat il-kabarrè fuq il-gazzetta tal-jum ta' qabel u ħaslitu fil-misħun fil-mejjilla ż-żgħira, kienet tpoġġih jistenna lil sieħbu jitqiegħed ħdejh. Għalkemm il-kabarrè, dejjem nadif u jleqq, bir-riħa tal-lostru ħierġa minnu, kien iżejjen u jimla l-vetrina, la kien kburi u lanqas supperv; kien jirrabja biss meta jwaqqgħu xi ħaġa fuqu. Kien hemm ħafna fided oħra fid-dar ta' sidtu imma hu kien t'għalih waħdu; ħadd ma kien jinteressah. L-uniku ħabib li kellu kien il-'coffee pot'.

Amalia, wara l-mewt ta' Ottavio, reġgħet ġabret ħafna ħbieb tat-tajjeb bħalha, li kienet ilha li nqatgħet minnhom. Bdew iżuruha ta' spiss, igawdu u jonfqu kemm jifilħu. Fis-Sajf kienu jiġu minn filgħodu jixorbu l-kafè kiesaħ ħdejn it-terrazzin; ma kellhom xejn xi jżommhom. Kif Vera tibda tarma l-mejda kienet timla l-pot tal-kafè u tibda bih; twil u sabiħ, fuq il-kabarrè tal-fidda, fin-nofs tal-mejda tal-biskuttin, miksija bl-ifjen bizzilla, armata bil-porċellana rqiqa daqs il-qoxra tal-bajd u xi ftit kristall tal-aqwa kwalità. U l-ħbieb t'Amalia, Ġeltrude, Rebekka, Margerit u Sosi, kienu jintefgħu ipaċpċu bilqiegħda fuq l-ottoman f'nofs il-kamra, kull waħda tipprova tilħaq il-post minn fejn tista' xxomm l-arja friska dieħla mill-ġnien. Amalia kienet tħossha iżjed komda fuq siġġu mal-mejda, biex tnaqqar mill-kejk waqt li Vera ddur ma' ħbiebha tnewlilhom il-kafè.

Sadattant għajnejn il-biċċiet tas-sett kollu kienu jkunu fuqu; kollha kienu jistennewh li jħarsilhom u forsi jirnexxilhom jisirqulu qalbu wkoll. Il-kristalli wkoll kienu jinħallu jarawh; ifittxu d-dawl biex jgħammxulu għajnejh. Hekk kien jgħidilha lill-plattina, il-vażett tal-ħalib li kien jibqa' vojt fil-vetrina matul is-sajf kollu, minfejn sata' jara kollox. Imma hi ma ridetx taf; kienet żgura li qatt ma kien se jwarrabha. Kellha ħabta tfakkru, "Tiftakar meta laqtitu waħda mit-tazez tal-kristall? Lis-sinjura kien qabżilha d-dmugħ sakemm rat li ma kien ġralu xejn. Hu baqa' jibża' minnhom daqs il-bard ta' Jannar." U b'hekk il-plattina kellha moħħha mistrieħ.

Mela wara li Amalia bdiet tuża spiss il-kamra fejn tilqa' 'l sħabha, deherilha li din kienet waslet għal

qalgħa u tibjida. Qagħdet mas-sefturi sakemm battlu l-għamara u ħarġuha fil-wasgħa tal-kontrantrata. Wara ppreparat ħalli tmur tqatta' s-sajf fil-villa ta' ħdejn il-baħar sakemm jitlesta kollox. Ħalliet is-sett tal-porċellana għall-aħħar. L-ewwel ħallietu jixxarrab għal jum sħiħ ġo bettija, f'rokna fid-dell ħdejn il-kamra tal-ġnien biex ma jixxaqqaqx bis-sħana tas-sajf. L-għada fakkret lil Vera kif kellha tgeżwru fil-biċċiet tad-drapp u kif tistivah. Fil-kamra tal-ġnien ħallitilha dak kollu li setgħet tiġi bżonn, fetħet it-twieqi beraħ biex Vera tkun tista' taħdem aħjar u kif kienet ser tgħidilha l-aħħar ħaġa, ċemplet il-qanpiena ta' barra,

"Din Margerita, il-lum għal miegħi" u telqet tiġri 'l barra. Xi ħaġa jew tnejn insiet tgħidhomlha żgur.

Dak is-sajf inzerta wieħed mill-qliel; imma għadda wkoll. Kif Amalia waslet lura d-dar marret dritt tara x-xogħol bil-lest. Kollox għoġobha imma l-vetrina kienet għadha żarmata. Għajtet lil Vera u din ġiet quddiemha b'għajnejha ħomor nar,

"Sinjura dalgħodu kont ser nitlaq; ma ridtikx issibni hawn," qaltilha.

"Mela x'ġaralek," staqsietha Amalia.

"Ilbieraħ meta ġejt hawn biex tintrama l-vertina", bdiet Vera waqt li żżomm il-maktur m'għajnejha, "tlaqt fil-ġnien u ..,"

"Stenna, stenna naqra. Mela fejn kienu il-kaxex bil-porċellana? Jaħasra kont inċempel kuljum u qatt ma ġieni f'moħħi ngħidlek biex …. insomma kompli, kompli."

"Lill- kaxex kont ħallejthom fil-kamra tal-ġnien, fir-rokna fuq il-mejda, bit-tieqa mbexxqa u l-bieb fuq il-ganġetta, kif intwerejt minn għandek," kompliet.

"Ħallejthom hemm fit-trab u fis-sħana tax-xemx? Għal lanqas għattejthom b'dik il-purtiera ħoxna li ħallejtlek fuq il-mejda? Missek għidt lil Toni jgħinek tpoġġihom għall-frisk imqar taħt it-taraġ hawn ġew!"

"Bżajt inċaqlaqhom; għamilt dak kollu li għidtli. U u kif qbadt il-'coffee pot' ġie f'idi maqsum fi tliet biċċiet u ma kellix il-kuraġġ inkompli."

Issa m'hemmx x'tagħmel ruħi," u waqt li s-seftura reġgħet qabdet tolfoq Amalia marret ma' Toni l-ġardinar iġibu l-kaxex flimkien. Meta ġiet lura bdiet titbissem; dil-mara qatt ma baqgħet iżjed minn żewġ minuti bid-dwejjaq.

Imma lil Vera kien għadu m'għaddilhiex, "U jaħassra kemm int belha ... ġralu bħalma kien ġralu Ottavio. Ħallejtu xahar waħdu u tant tbaħrad ma' sħabu li qalbu ma felħitx; miet zoptu kif rani dieħla lura fil-villa. U wara ftit il-ħajja kompliet bħas-soltu."

"Sinjura jien lesta li nħallsu meta tixtri ieħor bħalu," kompliet Vera.

"Iva hekk nibqgħu. Issa meta jirnexxili nsib wieħed f'xi rkant, mur bigħ il-libsa tat-tieġ kif għadha ġdida u tini l-flus kollha li tkun daħħalt."

Imma waqt li Vera bdiet tara kollox idur biha, serħitilha moħħha, "Iskot Ver, ma tarax li qed niċċajta. Lanqas li ma nafx kemm għadek ferħana biha; wara sitt xhur żwieġ. Bil-flus ta' żewġi li writt nista' nixtri kemm irrid bħalu. Minn jaf minn fejn kienu ġabuhom dawk il-flus kollha l-familja tar-raġel?; misshom kienu joqogħdu neqsin jew serqu kemm felħu minn dak li ma kienx tagħhom? Biex issa spiċċaw kollha għandi, armla bla tfal," u waqfet f'daqqa. Imma bejna u bejn ruħha kompliet, "Imnalla ma kienx hawn ħbiebi; kienu jugżawni lil żwieġhom u ma jidħlux iżjed għandi."

Meta ndunat li Vera u Toni kienu qed jiċċassaw lejha, "Wara kollox dal-'pot' ma ħalla lil ħadd jibkih," kompliet biex tkun qalet xi ħaġa.

Dak il-ħin il-plattina ċ-ċkejkna, li kienet għadha imgeżwra f'biċċa ħarir perpura fil-wiċċ tal-kaxxa, bdiet tisma' kollox. Il-mewt t'Ottavio fakkritha fl-għawma fil-bettija fir-rokna tal-ġnien. Ftakret kemm-il darba l-maħbub tagħha kien għam u tqażżeż, tiela' u nieżel idur mal-biċċiet tal-porċellana l-oħra; kemm kien għodos, tferragħ u mtela biex juri kemm kien jaf iżid il-bżieżaq fl-ilma frisk tal-bir. Forsi hu wkoll ma kienx felaħ għal dak it-tbahrid kollu u naqra naqra fis-sħana u fit-trab, nixef u tfarrak kollu.

Spiss kienet toħorġilha xi demgħa, lil dil-plattina b'qalbha maqsuma, kull darba li l-kikkra ta' pariġġha kienet timtela mill-istanjata tal-fidda, goffa, itqal, u bla grazzja ta' xejn.

U kull meta d-demgħa tal-plattina kienet titħallat ma' xi tikka kafè li tkun iżżerżqet ma' żaqq il-kikkra ta' fuqha, Vera kienet tinkixef li kienet tkun imlietha żżejjed. U s-sinjura Amalia kienet tkemmex xofftejha għax ma kien jaħarbilha xejn!




**_QABEL TBAXXI D-DAWL_ ta' Lina Brockdorff, Horizons 2019.**
**Reċensjoni ta' Rita Saliba**

L-ewwel darba li ltqajt ma' Lina Brockdorff kien fi proġett li konna nvoluti fih fl-iskola Sekondarja ta' Pembroke. Laqatni l-entużjażmu tagħha fi kliemha, fil-mod kif irrakkontat din l-esperjenza mal-istudenti.

Erġajt ġeddidt dil-memorja jien u naqra dil-ġabra ta' stejjer mill-pinna ta' Lina Brockdorff. Inġarrejt mill-istil mexxej, bi kliem mirqum u espressjonijiet li ma jtaqqlux il-kitba. Fi ftit kliem, stil ħelu li jserraħ il-moħħ int u taqra l-ġrajjiet ta' ħaddieħor. Sibt l-ewwel linja ta' kull rakkont tqajjimli l-kurżità… ta' x'inhu ġej wara. Nidħol fid-djar tan-nies, insib ruħi fil-post fejn qed isseħħ l-istorja bħall-ewwel novella f'din il-ġabra; "Kont ġa nħsilt, qaxxart il-leħja u spiċċajt il-kollazzjon." Li tatni x'nifhem li l-istorja ma spiċċatx għax il-protagonist qata' s-sawma ta' billejl. U ħallejt il-pinna ta' Lina toħodni fi mkejjen differenti kemm f'dawk rurali kif ukoll f'ambjenti domestiċi fejn ħafna mill-ġrajjiet huma mistura bejn erba' ħitan, lesti biex idaħħlu lill-qarrej kompliċi sat-tmiem tal-istorja.

F'bosta minn dawn ir-rakkonti jispikka s-sens ta' komunità u tama, li s-soċjetà għadha ma tilfitx għalkollox, u s-sensittività lejn min qed ibati, bħalma naqraw fl-istorja, "Infetħu Bibien is-Sema." Mhux biss imma d-dettall li bih Lina ssawwar rakkont fi stejjer bħal, "Il-ħmar tal-klassi", "Il-karta ta' ħames liri" u "Kellu idu nieqsa", stħajjilthom joħduni fuq it-tarġa mat-tifla li toħroġ bi "pram żgħira tal-landa miżbugħa bajda bi ftit fjuri roża mpinġijin fuqha." Għax hekk ħassejtni xi waqtiet. Nara lill-awtriċi tifla tieħu gost bil-ħwejjeġ sempliċi, tosservahom minn par għajnejn li għadhom qed isiru jafu d-dinja.

Innotajt kemm Lina tgħożż il-ħbiberija. Ħarġet dan is-sentiment qawwi fi "Ħbieb tal-qalb", fejn minkejja d-differenzi li trabbew fihom iż-żewġt iħbieb u t-toroq diverġenti li ħadu, il-ħbiberija ta' bejniethom baqgħet soda. L-istess ġralhom iż-żewġ tfajliet fin-novella, "Ġbejniet t'Għawdex." Madankollu taf kif għandha twasslilna rakkont ta' wġigħ u tradiment. Il-ferita f'qalb in-narrattriċi f'"Imbagħad waslet ix-xitwa", mhix se tfieq kif ġieb u laħaq. F'taqbida ta' emozzjonijiet li nsibu fin-novella "Fejn se torqod illejla?" joħroġ sentiment kuraġġuż ta' maħfra li jħalli lill-qarrej b'sens ta' serħan fi tmiem l-istorja.

L-ewwel xrara ta' mħabba ma tintefiex maljar, jekk qatt tintefa. F'dawn l-istejjer żgur li għadha tħeġġeġ anke f'qalb l-awtriċi. Bdejt inħossni mmur lura fiż-



Lina Brockdorff

żmien magħha, inħalliha tafda miegħi x'kienet tostor, x'ġarrbet f'żgħożitha. B'ħila kbira Lina ġabet flimkien iż-żmien li għadda mal-preżent; l-imħabba ppersonifikata li għandha l-ħajja tagħha, li ħadet iż-żmien biex immaturat u sabet postha anke tard fil-ħajja. Il-pinna prolifika tagħha waslitilna l-isbaħ rakkonti fin-novelli "Ħareġ il-qamar", "Id-Dell fuq l-għadira", "La jasal Settembru" u "L-Ajruplan tal-karti."

It-temi varji f'dil-ġabra jġibu magħhom karattri ta' etajiet differenti. Iż-żgħożija għadha friska fil-memorja tal-awtriċi u ma naqsitx li ttina doża tajba ta' dan iż-żmien ta' deċiżjonijiet u taqbid mal-ħajja. Lina ma taħarbilhiex il-vena umoristika u n-novelli "Dawk l-imberkin ismijiet" u "Katarin ġibtlek lampuka" għandhom iġibu tbissima lill-qarrejja.

Lina tħobb il-Milied… is-sena kollha. Ir-rakkonti ta' żmien il-Milied f'din il-ġabra jidħlu bl-aktar mod naturali. X'sar ifisser il-Milied għal Ċensu l-iskarpan? U fin-novella "Il-Pudina tal-Milied" l-awtriċi mhux biss iddewwaqna ftit x'kien jinħema għal daż-żmien ta' festi, iżda nħossuna kuntenti li qed naqsmu magħha l-vera paċi fil-qalb. L-istorja tal-Anġlu Mqareb se tkun il-favorita ta' bosta mill-qarrejja fejn għal darb'oħra se jsibu ruħhom sejrin lura għal tfulija mimlija faxxinu għal dak li jidher sabiħ. Għal xi wħud dan iż-żmien jista' jġib miegħu xi ftit ta' qsim il-qalb bħal min ġarrab telfa kiefra, iżda Lina mhix negattiva u jirnexxilha tasal għal tmiem ta' kuraġġ u tama.

Fir-rakkont "Ħarist f'għajnejh" naqraw ġrajja li ntisġet fl-istorja tal-bniedem għal dawn l-aħħar elfejn sena, iżda l-awtriċi b'umanità u ħila tatna rakkont ta' nies li għexuha, li raw is-sofferenza f'ħarsa. Il-ġrajja tal-Passjoni f'għajnejn Lina Brockdorff ħarġet sentimenti profondi ta' fidi. Il-karattri fl-istorja ħaduna magħhom fi vjaġġ spiritwali.

Il-ġabra ta' novelli tispiċċa bi storja mqanqla li tmiss il-qalb. L-aħħar novella, "U l-flus fejn marru?" tgħaqqad donnha f'ċirku dak li ta' spiss aċċennat għalih Lina Brockdorff bil-pinna tagħha, is-sagrifiċċju personali li jirbaħ kull ostaklu. Lina Brockdorff riedet tirrakkontalna u rnexxielha. Għażlet lingwaġġ li jinftiehem, ritmu mexxej u li jagħti gost, iżda dan xejn ma jnaqqas mill-profondità li ssawwar dawn l-istejjer. Nistiednek tqalleb il-paġni, u tibda taqra stejjer li joffrulek mumenti ta' riflessjoni u waqtiet rilassanti, l-aktar fl-aħħar tal-jum, qabel tbaxxi d-dawl.




***DIFREJN IL-FALKUN*** **ta' Richard Attard, Horizons, 2019.**

**Reċenzjoni ta' Marica Mizzi**

Il-ktieb għandu bidu tajjeb immens li mill-ewwel paġni li taqra jdaħħlek mill-ewwel f'tensjoni li tkun trid tfittex tqalleb il-paġni biex tara kif se tiżvolġi.

Nammetti li meta bdejt naqrah lili mill-ewwel ħakimni peress li s-suġġett huwa wieħed ta' interess għalija… nipprova nifhem u nempatizza kemm hi iebsa li persuna jew familja tagħżel li taħrab mill-post li twieldet b'tama ta' futur iktar seren u kalm. Imma dak li wieħed jittama, jew joħlom, mhux dejjem ikun reali.

Il-pinna tal-awtur, Richard Attard, hija mexxejja immens u juża Malti mirqum u aġġornat bl-aħħar deċiżjonijiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-ilsien Malti… u tibqa' tqalleb il-paġni u b'sospans tara x'se jġib miegħu kapitlu ġdid.

Hemm mumenti meta saħansitra stħajjiltni qed nara kwadru frisk, bil-pittur ipitter ix-xeni, għax litteralment jieħdok fi vjaġġ ikkulurit, b'deskrizzjoni



Richard Attard

qisek qed tara awdjo viżiv. Nista' ngħid ukoll li filwaqt li għandek storja interessanti għaddejja, l-awtur ħa l-intrigu wkoll li jirriċerka dwar l-istorja ta' pajjiżna u jagħti dettal sabiħ ta' x'toffri din il-gżira Maltija u bl-istorja li għaddiet minnha.

Sakemm taqra l-ewwel tmien kapitli, kull wieħed jagħtik bidu ta' storja, li filli qed taqra dwar is-Sirja, f'daqqa waħda ssib ruħek ma' turist idur ma' Malta, fil-ħin tispiċċa fil-palazz tal-President il-Verdala u f'sekonda ċ-ċimiterju u l-isptar Monte Karmeli, u tibqa' tiltaqa' ma' iktar karattri ġodda, personalitajiet qawwija, f'postijiet li int u taqra tibda tistaqsi kif dawn il-karattri bi stejjer differenti se jintegraw flimkien.

Il-ktieb jintrigak, u meta tkun wasalt f'nofsu tkun għadek qed tipprova tgħaqqad l-istorja u tkun għadek ferm 'il bogħod fejn se jwasslek l-awtur fi tmiem ir-rumanz.

Richard Attard, l-awtur, jiddiskrivi f'dettal x'jgħaddi minn persuna li tħalli art twelidha biex tfittex kenn u refuġju f'pajjiż ieħor u hawn nixtieq nikkwota silta mill-ktieb dwar persuna li trabbiet Malta u kif iddeskriva l-mumenti ta' kif sabet ruħha hawn mill-Eritrea:

"Missieri kompla jeħodha qatta bla ħabel kontra l-gvern. Ingħaqad ma' grupp t'attivisti u darba minnhom, billejl, ħarġu jwaħħlu posters bi propaganda kontra l-gvern mal-belt kapitali kollha. Tistgħu timmaġinaw kemm irrabjaw l-awtoritajiet! Imbagħad, dawk li kienu fil-grupp bdew jisparixxu wieħed wieħed! Darba waħda, f'nofs ta' lejl, ħabbtulna l-bieb u missieri induna li kienu ġew għalih. Tlajna fuq il-bejt, qbiżna għal għand il-ġirien u ħrabna b'ta' fuqna senduqna. Wara xhur sħaħ niġġerrew minn post għall-ieħor, ommi u missieri ddeċidew li jaħarbu lejn l-Ewropa, bit-tama li jkollna ħajja aħjar." "U spiċċajtu Malta?" staqsietu Illy. "Jien u missieri ..." weġibha Osman filwaqt li deher kemxejn kommoss. "U ommok," kompliet tistaqsih il-kollega tiegħu, "ma ġietx?" "Id-dgħajsa ma kinetx kbira wisq," spjegalhom Osman, "imma dawk li kienu jorganizzaw il-vjaġġi kienu nies krudili u bla qalb. Tant għabbew nies li, meta tlaqna, fil-port ukoll beda jidħol l-ilma, aħseb u ara hekk kif sibna ruħna bejn sema u ilma. Imbagħad il-baħar tqawwa u d-dgħajsa nqalbet. Ix-xena kienet tal-biża! Kien dlam ċappa. Kulħadd iwerżaq. Tfal jibku. Jien ma kontx naf ngħum. Lanqas ommi! Bdejt nibla' l-ilma filwaqt li kont tiela' u nieżel taħt l-ilma. Imbagħad ħassejt lil xi ħadd jiġbidni 'l fuq. Kien missieri. Ressaqni lejn biċċa njama u qalli biex niggranfa magħha sakemm imur ifittex lil ommi. Beda jgħajtilha u jwerżaq qisu miġnun! Imma ommi baqgħet ma weġbitux! Bil-mod il-mod, l-għajjat u t-twerżiq beda jispiċċa. Minflok, ħadlu postu l-biki u l-ilfiq. Xħin sebaħ, id-dehra kienet tal-waħx! Il-baħar kien miksi katavri! Fil-bogħod stajt nara lil missieri jgħannaq il-ġisem bla ħajja tal-għażiża ommi."

Mhux li kien dawk li jsejħu lilhom infushom razzisti, jaqraw ir-rakkont u jippruvaw jifhmu t-tbatijiet u s-sofferenzi li jgħaddu minnhom dawn ħutna. Nikkongratulak Richard, pittirt il-kwadru b'ħafna daqqiet tal-pinzell fejn iddiskrivejtilna realtà ta' bnedmin li għandhom dritt li jgħixu bid-dinjità kollha li jixraqilhom, 'il bogħod mill-gwerer u t-tixrid ta' demm li qed iġibu dawk fil-poter. Il-ktieb jgħinek tifhem ukoll l-estremiżmu u t-terrur li jgħaddu minnu persuni li jkunu f'postijiet partikolari, għal btala jew ħaġa oħra meta terroristi jippjanaw kif se jħallu marka b'imwiet ta' ħafna vittmi, saħansitra anki jekk it-terrorist jaf li se tintemm il-ħajja tiegħu għax dan ifisser li se jkun iddikjarat eroj.

In-nisġa ta' karattri, kollha bil-personalità tagħhom, taffaxxinak kif bħal meta għandek jigsaw puzzle, meta tibda tqalleb fil-paġni minn kapitlu għall-ieħor dawn jintisġu flimkien biex iħawru storja ferm interessanti bi tmiem li nista' ngħid jaqtagħlek nifsek.

L-istorja niddiskriviha bħala thriller, ta' komplott biex jiġi attakkat il-Vatikan, imma kif spjegajt b'nisġa ta' karattri li l-favorit tiegħi huwa Salvu, spiżjar fl-isptar Monte Karmeli, magħruf bħala l-Majnas f'għajnejn sħabu għax kienu jarawh bħala l-persuna baħnana u forsi bla emozzjonijiet, imma jolqotni kif l-awtur jurina dawn il-persuni li anki jkunu *bullied* fuq il-post tax-xogħol, kemm iweġġgħu u kemm tiġi iktar affettwata s-saħħa mentali tagħhom. Għoġobni immens dan il-karattru kif ukoll dak li bl-Ingliż hu magħruf bħala it-"twist in the tale" fl-aħħar tar-rumanz.

Jidhirli li dan huwa r-raba' ktieb ta' Richard Attard, u jinteressani immens li jaqbad suġġeti attwali u reali jew storiċi u jagħġinhom fi storja li għalkemm immaġinattiva faċilment tista' tkun reali.

Jekk int wieħed minn dawk li tgħid "Dawn x'qed jiġu jagħmlu f'pajjiżna?" Għax ma baqgħux fejn kienu?" inħeġġek tixtri l-ktieb u jkollok ir-risposti. Dawk li għandhom sentiment ta' ospitalità u qalb miftuħa biex jagħtu sapport, għandhom jakkwistaw il-ktieb bħala ringrazzjament lejn l-awtur li naqqax bil-pinna realtà li mmissu magħha ta' kuljum

U nixtieq nikkonkludi bi kwotazzjoni fil-bidu tal-ktieb mill-Papa Franġisku:

"Il-kelma li qed tiġi ripetuta spiss hi insigurtà, imma l-kelma reali hi gwerra. M'għandniex nibżgħu ngħidu l-verità. Id-dinja tinsab fi stat ta' gwerra għax tilfet il-paċi."

Papa Franġisku 27 ta' Lulju, 2016 – wara l-qtil ta' saċerdot ġewwa knisja fi Franza



## SOUQ WAQIF - سوق واقف

**Kitba ta' Therese Vella**

Bħal Alice fid-dinja tal-meravilji; nintilef qalb it-trejqiet labirint ta' Souq Waqif, nispiċċa nivvjaġġa fiż-żmien.

Inħossni midħla ta' dan l-ambjent... Forsi għax l-Għarab saru jfakkruni fi qrabati antenati, il-Maltin?

Inkompli nimxi, forsi risposta nsib qalb riħa ta' ħwawar mitħuna u lumi niexef għall-istuffat. Wara bieb ta' negozjant, inċens idaħħan, ibaħħar awgurju pożittiv. Irwejjaħ li jipnotizzawni, jikkalmawni, jeħduni fid-dinja tal-għorrief, inessuni kull inkwiet.

L-arja tas-suq, fis-sajf sħuna u fix-xitwa riħ frisk, kulħadd ipejjep ix-shisha kalm u trankwill, iħalli ħsibijietu jaħdmu għalih. In-nies, inkluż il-ħamallu b'karretta quddiemu jġorr il-merkanzija, ifakkruni f'nannuwi li kien bejjiegħ fiż-żmien. Din ir-riħa ħelwa fl-arja tfakkarni fit-tabakk tal-pipa tiegħu tant sinonimu ma' tfuliti żmien passat..., li llum ħallieni bla identità?

Il-pass kalm tal-ħajja, is-sempliċità tan-nies, jitbissmu ferħanin b'mod ġenwin. Nissemma' t-taħdit bl-Għarbi u nifhem mhux ħażin. Fejn jien? F'Malta ta' tfuliti, Malta li llum ma teżistix?

L-għajta tal-muezzin, li wara sitt snin sirt inxebbahha mallqniepen tat-twemmin, tqajjimni mir-raqda. Nara nisa bl-iswed mgħottijin u rġiel illamtati l-abjad lebsin. Niftakar li sarli l-ħin - bħall-fenek l-abjad ta' Lewis Carroll jiġri wara l-ħin...

Nifhem kull mistoqsija li jien għamilt.

Sarli l-ħin sabiex nirringrazzja lill-Ħallieq; tal-passat, preżent u dak li għad irid ikun...

Ammen

## "KATARIN ĠIBTLEK LAMPUKA..."

**Rakkont ta' Lina Brockdorff**

Katarin kienet ilha żmien u għomor tistenna u tixxennaq għal meta xi darba żewġha Peppi għad jispiċċa bil-pensjoni biex tkun tista' tgawdieh magħha fid-dar il-ħin kollu, jerġgħu jsiru qishom żewġ namrati. Xi jkun jonqosha mbagħad? Iż-żewġ uliedhom kien ilhom li żżewġu u lanqas b'nemes ma tara wiċċhom hemm ġew għax dejjem għandhom x'jagħmlu, it-tnejn b'ċorma tfal ma' saqajhom. Bilkemm setgħet temmen li għad jasal dak iż-żmien.

U fl-aħħar, dak iż-żmien tant mistenni minn Katarin wasal ukoll. B'dankollu ma kienx eżatt il-ġenna tal-art kif immaġinatu u ppretendietu li ser ikun. Għax Peppi għamel l-ewwel jumejn idur ma' saqajha fil-kċina, mingħalih li jifhem f'kollox u li kellu jindaħal f'kull pass li tagħmel martu fit-tisjir. Meta n-nervi ta' martu bdew telgħin, qaltlu ċar u tond biex isib xi ħaġa biex jehda u biex lilha jħalliha bi kwietha, u fuq kollox biex ma jindaħlilhiex aktar fil-kċina u fit-tisjir; dawk ma kinux biċċa tiegħu. Minn meta sar jifhem f'dawk l-affarijiet meta hu lanqas qatt biss ipprova jaqli bajda! U hi, ja mbiċilli li hi, ħasbet li ser ikunu fis-seba' sema! Li jerġgħu isiru qrib xulxin bħal meta kienu namrati ... aktar saru qishom kelb u qattus.

Għall-ewwel diċ-ċanfira ħadha bi kbira Peppi, imma meta fetaħ qalbu ma' sieħbu Ġillu, dak offrielu li jibda jmur miegħu jistad għax hu kellu naqra ta' fregatina u tgħidx x'gost jieħu hemm fil-kwiet f'nofs ta' baħar. Hemm żgur jinsa lil Katarin u l-għajjat tagħha. Mhux li wisq għoġbitu dil-proposta.

L-ewwel darba mar bla ħajra ta' xejn, tista' tgħid li mar biex jikkuntenta lil sieħbu, imma ħej, malajr inqalbet il-folja għax beda jitbellaħ għal dawk is-sigħat ma' Ġillu, hemm fil-kwiet, bla ma ħadd jindaħallu, bla ma Katarin iċċanfru ... x'ried iżjed! Kien jagħmel jiem sħaħ u malli jibda jidlam imur fejn martu, jinħasel u wara jindafar fuq xi ikla li tkun lestietlu.

Katarin ħadet ir-ruħ għall-ewwel, għax kienet żgura li żewġha ma kellux żmien twil fuq dal-passatemp li qabad; imma meta rat li għaddew ftit jiem mhux ħażin u Peppi kuntent bil-ġenn li kellu biex imur ma' sieħbu, l-istorja ma tantx baqgħet togħġobha. Hi stess lanqas kienet biss tista' tifhem għaliex tħossha li Peppi qed jonqosha f'xi ħaġa; fuq kollox, mhux hi webblitu biex jibda jehda b'xi ħaġa, basta lilha jħalliha bi kwieta! Bdiet tgħaddi l-kummenti:

"Allura dan sieħbek ... dan jaqbad xejn ħut?"
"Mhux dejjem l-istess, drabi qabad u drabi ma qabadx... Għaliex qed issaqsi?"
"U meta jaqbad qatt ma offrielek xi waħda biex iġġibha hawn u nsajruha?"
"Ngħidlek id-dritt, jien qatt ma tlabtu ..."
"Imma dan minnu għandu jiġi, m'hemmx għalfejn titolbu int."
"Xi tridni nagħmel jekk qatt ma offrieli?"
"Phu għalih! Kemm hu interessat! Kemm hu ħanżir!"

Kien wasal l-istaġun tal-lampuki u Katarin spiss titfa' l-botti lil żewġha. Filli tfakkru li hi tħobbhom il-lampuki, filli tgħidlu li jmissu jistħi jmur jistad u qatt ma jġib xejn ... insomma povru Peppi beda jiddejjaq jisma' l-istess diska. Il-gost kollu li jieħu tul il-jum kien jitilfu malli jirfes l-għatba ta' bieb daru u jisma' l-kummenti niggieża ta' Katarin. L-aktar li jkiddu kien il-fatt li martu, fuq kollox, kellha ftit raġun

Darba minnhom mar id-dar qabel is-soltu, kienu xi l-erbgħa ta' wara nofsinhar. Katarin kienet għadha minduda xħin semgħetu jgħanni: "Katarin ġibtlek lampuka, Katarin kebbes in-nar, Katarin iftaħ it-tieqa ħalli joħroġ id-duħħan..."

Bilkemm riedet temmen lil widnejha, imma xħin qamet bilqiegħda fuq is-sodda reġgħet semgħetu jgħanni. Qamet bla telf ta' ħin u ltaqgħet miegħu tiela' t-taraġ tas-setaħ, b'żewġ lampukiet daqsxiex fuq biċċa nċirata sewda.

"Dawk x'inhuma, Pepp?"
"Ilek tant tgħid li tħobbhom u issa m'għarafthomx?



Dawn lampuki! Friski żgur, friski ħalib, ma ngħidlekx li aktarx għadhom ħajjin għax għadna naqbduhom u sieħbi Ġillu bagħathomlok biex issajjarhom. Kuntenta jew le?"

"Kont lestejt ftit soppa tal-armla għal-lejla ..."
"Ħallik mis-soppa tal-armla, jien irrid biċċtejn lampuka moqlija ma' ftit patata moqlija wkoll. U b'dak li jibqa' għada agħmilli torta. Fhimt?"

Ma tantx dehret kuntenta wisq Katarin, bdiet twaħħal fil-fatt li soltu tħobb tlesti t-tisjir filgħodu u mhux dak il-ħin xħin tħallieh biex issaqqi u tirranġa l-bosta qsari li kellha. B'dankollu kellha tbaxxi rasha u ssajjar dak il-ħut.

Mela għaddew ftit jiem wara li Peppi mar id-dar bil-lampuki. Darba minnhom Katarin kienet ħafifa mix-xogħol tad-dar u ħasbet li tkun idea tajba jekk tinżel sal-kantina fejn Peppi kien iħalli l-ħwejjeġ li jmur jistad bihom, imbagħad darba kultant taħsilhomlu f'salt u mhux mal-ħwejjeġ l-oħra. Hekk għamlet u bdiet iddurlu l-bwiet ta' kull qalziet u kull flokk jew qmis li kellu għax mhux l-ewwel darba li jħalli xi maktur jew xi ċavetta jew sulfarina f'xi but minnhom.

U minn but ta' xorts ħarġet nitfa ta' karta mgħaffġa li kienet ser tarmiha, imma ġietha l-kurżità biex tara x'kienet. Bdiet tillixxaha u tiftaħha. Marret biha qrib it-tieqa biex tkun tista' tara sew. Kienet irċevuta ta' żewġ lampukiet u d-data kienet sewwa sew ta' xi ħmistax qabel. Il-kont kien ta' disa' ewro!

**ALBA**

Alba ancorata alla notte
risorgi d'antico, e felice
Fonte il cielo culli.

Un bob di colore celeste,
un bob a quattro posti.
Una volta lo abbiamo atteso per anni,
arenatosi forse nella perduta
semicurva di neve.
Dimenticato il freno,
dimenticato l'arrivo.
Attraversato candido quasi in eterno tempo.

**ANTONIO VANNI**
**(da *Plasmodio*, Edizioni Eva, 2017)**







Italo Calvino






Peppino De Filippo u Totò

**KULTURA ANKI FUQ IL-BOROŻ ŻGĦAR TAZ-ZOKKOR**

Waqt ġita qasira fl-Italja tat-Tramuntana dan l-aħħar ġew f'idejja dawn il-pakkekki żgħar taz-zokkor bħalma ningħataw fir-ristoranti meta nordnaw kafè jew kapuċċino. Fuq wieħed kien hemm ritratt tal-kittieb Taljan Italo Calvino (1923-1985) li proprju fis-19 ta' Settembru jagħlaq 34 sena mejjet; fuq il-borża ċkejkna l-oħra kien hemm ritratt taż-żewġ atturi Taljani famużi Peppino De Filippo (1903-1980) u Totò (1898-1967) li kien ukoll poeta (ħareġ il-ġabra *'A Livella*) u kittieb ta' kanzunetti, bl-aktar waħda famuża bl-isem ta' *Malafemmena*, iddedikata lill-mara tiegħu Diana wara li sseparaw. Mela, waqt li wieħed ikun qed jixrob il-kapuċċino u bla ma jrid jiġi mfakkar f'personaġġi Taljani magħrufa tassew fil-qasam tal-letteratura u taċ-ċinema rispettivament. Idea tajba tassew li ta' min nimitawha jew niddakkru minna aħna l-Maltin. Inizzjattivi bħal dawn jistgħu jsiru f'rabta ma' kittieba u artisti varji Maltin. Il-mezzi użati jistgħu jkunu kalendarji, djarji, bookmarks, bolol, boroż tal-karti jew taz-zokkor, u l-bqija.

### *Daniel Massa: Poeżiji (1900 -2019) u Studju Kritiku Letterarju* – Kitba ta' Andrew Sciberras u Tarċisju Zarb.

**Kumment ta' Alfred Palma**

Fl-1989, Daniel Massa ppubblika l-ġabra ta' poeżiji tiegħu li għammidha bl-isem ta' *Xibkatuliss*. Dawn kienu poeżiji li hu kiteb bejn l-1965 u l-1989. Dak iż-żmien huwa kien imsieħeb mal-poeti l-oħrajn kollha lokali li kienu ilhom mhux ħażin ixettlu bl-akbar enerġija - xi wħud fi ħdan il-Moviment Qawmien Letterarju - era ġdida għall-poeżija, naturalment misjuqin mill-ħeġġa poetika li kienet qiegħda tikbes fil-letteratura barranija, l-aktar dik Ewropea, biex din tiftaħ orizzonti ġodda ta' stil, forma u espressjoni poetika libera, mingħajr irbit li seta' jxekkel l-individwalità tal-poeta (jew awtur) minn regoli li forsi kienu saru sterjotipati u stretti żżejjed.

Daniel Massa, kien wieħed minn dawk il-poeti li ħalla impatt qawwi fuq il-poeżija post-Romantika li bdiet tinbet f'dawk iż-żminijiet, u l-impatt inħass aktar fil-poeżiji li nsibu f'*Xibkatuliss*, li kollha wrew lil Massa fil-qawwa tiegħu individwali aktar milli dik kollettiva. Fihom huwa xeħet dawl qawwi u luminanti fuqu nnifsu, fuq il-karattru tiegħu, fuq is-sentimenti tiegħu u, aktar u aktar, fuq l-umanità tiegħu.

Andrew Sciberras u Tarċisju Zarb, li llum ma għandhom bżonn l-ebda introduzzjoni għal dawk li huma studji kritiċi mill-aqwa dwar poeti u awturi Maltin, għażlu li jiftħu beraħ lil Daniel Massa mhux biss bħala poeta mill-aqwa, iżda wkoll bħala persona, bħala individwu li vrusu kienu essenzjali għal ħajtu, li vrusu kienu jsabbru l-weġgħat kollha li lill-bniedem qatt ma jħalluh bi kwietu u jsegwuh sa qabru. U dan kollu nissel fiż-żewġ poeti-awturi stħarriġ mirqum, akkademiku u mill-aktar dettaljat dwar Massa biex vrus dan il-poeta jżidu jiksbu l-valur u l-attenzjoni li minn dejjem kien jisthoqqilhom u jixirqilhom.

Il-ktieb għandu format tassew oriġinali: fuq naħa, Andrew Sciberras jidħol b'sengħa mill-aqwa dwar il-poeżiji ġodda li Massa kiteb bejn l-1990 u l-2019. Jiftaħ b'*Daħla Kritika* li tanalizza b'mod dettaljat dawn il-poeżiji u r-relazzjoni tagħhom mal-poeta nnifsu, ħsusu u l-filosofiji tiegħu dwar il-ħajja u n-natura, l-aktar l-imħabba tiegħu lejn il-baħar bis-simboliżmi u l-metafori kollha li hu juża biex iżid isaħħaħ dak li jkun irid jgħid.

Jinqaleb il-ktieb u nersqu lejn Tarċisju Zarb li f'*Xibkatuliss* jibda bi Studju Arketipiku dwar il-poeżiji ta' Massa. Isegwi artiklu dwar Massa bħala poeta, bħala bniedem sensittiv li għalih Malta mhux biss hi pajjiżu iżda tagħti wkoll il-ħajja lil ruħu. Zarb jagħti wkoll ħjiel dettaljat dwar xi jfissru għal Massa l-ilwien, it-toponomastika, il-baħar, l-ambjent, il-politika, il-familja, il-Mulej u l-lingwa, u kif dawn seddqu u sebbħu vrusu. Wara Zarb jissokta bi Studju Kritiku dwar il-poeżiji li nsibu f'*Xibkatuliss*, u l-poeżiji nfushom, kif għidna miktubin bejn l-1965 u l-1989.

Dan hu ktieb ta' valur akkademiku kbir, li mhux biss jiftaħ tieqa beraħ fuq il-Letteratura Maltija u wieħed mill-aqwa poeti tagħha, iżda li jista' jservi wkoll biex wieħed jifhem kemm il-poeta Malti mhu xejn anqas mill-poeta barrani. L-umanità hija komuni daqskemm huma komuni s-sentimenti umani, u l-akbar rigal li wieħed jista' joffri huwa l-apprezzament lejn il-poeta jew poeti konċernati u l-kritika professjonali u essenzjali lejhom u lejn kitbiethom, li huma jħallu bħala wirt għani u dejjiemi lil-Letteratura tagħna.







Min jixtieq kopja jista' jikteb lil Andrew Sciberras f'dan l-indirizz: andrewsciberrasartist@gmail.com




## Valuri għat-Tfal - Charles Briffa

**Charles E. Cilia, *Bukkett Ward: Poeżiji, Stejjer, u Stampi, with some translations in English for the benefit of foreign children living in Malta* (Malta, 2018).**

Għal Charles E. Cilia, ktieb għat-tfal huwa biċċa għodda għat-tiswir ta' xejriet il-ħsieb. Fil-kitba tiegħu tidher xewqa li jinkuraġġixxi ċerti valuri, u x-xeħta tiegħu xxaqleb ħafna lejn il-pożittiv. Ktieb bħal dan, Cilia jqisu "proġett favur l-ilsien Malti, it-tfal prezzjużi tagħna, u l-valuri li jixirqulhom".

Cilia laħaq għalliem fl-1955. Għamel tnax-il sena fil-primarja, tmintax-il sena fis-sekondarja, u erbatax-il sena fis-sixth-form fejn kien lekċerer tal-letteratura u tal-lingwistika. Laħaq kap tad-Dipartiment tal-Malti f'Giovanni Curmi Higher Secondary u assistent kap fil-Liċeo Ġan Franġisk Abela u fil-Liċeo Paolino Vassalli. Il-frejm mentali tiegħu ta' għalliem baqa' jġorru miegħu wkoll fil-kitba kreattiva tiegħu.

F'dan il-ktieb *Bukkett Ward*, li għandu daħla mill-Professur Oliver Friggieri, hemm interess sabiħ fl-ideat li warajhom wieħed jilmaħ moħħ spekulattiv u enerġetiku - ideat fuq l-ambjent, l-annimali, il-ħxejjex, l-iskola, in-natura, u r-reliġjon: varjetà wiesgħa ta' esperjenzi letterarji li hija essenzjali. Dawn l-esperjenzi jitfissru bil-poeżija u bil-proża, u xi wħud minnhom anki jinqalbu għall-Ingliż għall-benefiċċju tat-tfal barranin li hawn fostna. Is-sens ta' poeżija f'Cilia jħaddan fih għarfien Nisrani, kif jurina fil-poeżiji "Dik Ukoll Hi Poeżija" u "Ħajja ta' Vera"; u jħaddan fih ukoll ġibda għall-ġmiel komuni, kif insibu f'poeżiji bħal "Ammorin Ħelu" u "Is-Siġra". U l-istejjer miktubin bi proża ħafifa, ċara, u ħarkiena jagħtu stħajjil imżewwaq b'moralità. Kollox donnu jistimulah biex jikteb: żfin, ikel, mużika, forom, numri, u bosta suġġetti oħra - kollox li jista' jqanqal l-interess partikulari tat-tfal u li jżomm mal-esperjenzi limitati tal-ħajja taż-żgħar.

Il-qawwa tiegħu hija s-sempliċità: il-kitbiet huma kkaratterizzati minn ċarezza u nuqqas ta' komplikazzjoni lingwistika. L-istejjer qosra tiegħu jgħaqqdu l-gost mat-tagħlim jew moralità. Il-ward ta' Cilia huwa ħafif biex jiftiehem u hemm sedqa fil-ħsieb ta' kull biċċa xogħol. Dan il-kittieb għadu jemmen li t-tfal għandhom jiġu mkenna mir-realtà ħarxa tal-adulti biex ma jdallmilhomx moħħhom u jħallilhom qalbhom ħajja għas-sabiħ.

It-tfal jeħtieġ irabbu l-ħsieb li qegħdin f'dinja li trid il-valuri minkejja li n-nies jinbidlu. In-nies qatt ma huma kompluti, sħaħ li ma jonqoshom xejn. Imma Cilia jaf li l-għerf morali għandu jitwaħħad mal-esperjenza u l-memorja. It-tfal iridu lil min jgħidilhom tagħlimiet siewja biex jintebħu li letteratura bħal din ma tħallihomx jingħalqu fil-personalitajiet tagħhom għax la jkunu qegħdin jaqrawhom dawk it-tagħlimiet sinjal li ħafna oħrajn jeħtiġuhom.

Cilia jgħid li tkun ħaġa xierqa jekk wieħed jaqra l-poeżiji b'leħen jgħajjat. L-implikazzjoni ta' din l-istqarrija turi li Cilia jemmen li l-poeżija toffri mod differenti ta' kif inħarsu lejn id-dinja minn kull għamla oħra ta' letteratura. Il-kwalità mużikali tagħha tiġbed lit-tfal u tappella għas-sensi u s-sentimenti tagħhom. Il-qari ta' dawn il-poeżiji jrid ikun esperjenza ta' lqugħ kreattiv, u l-koordinazzjoni tal-għajnejn u l-widnejn fil-qari twassal biex il-moħħ ikun aktar attiv.

Dawn il-poeżiji huma qosra, il-versi tagħhom huma qosra, u l-kliem ħafif. Iżommu lit-tfal alert għall-

immaġinazzjoni awditorja li minnha jinħolqu l-poeżiji. It-tfal fil-primarja jifhmu poeżija ta' Cilia fi ftit sekondi. U minn poeżija għal oħra jinbidel il-pass jew it-ton u jingħarfu x-xbihat u r-rimi: il-qari huwa varjat. It-tifsir idur mal-ħoss tal-poeżija u jaffettwa l-komprensjoni u l-perċezzjoni. Fil-klassi dan ix-xogħol jista' jagħti ċans għar-rextar. Imma anki jekk ikun hemm biss qari b'leħen għoli, dawn il-poeżiji jsiru mezz essenzjali li jagħti lit-tfal sens tagħhom infushom bħala qarrejja; b'hekk jibnu l-kunfidenza fil-qari u jinġibdu lejn il-poeżija.

Mal-poeżiji għandu wkoll stejjer qosra fi proża li jipprovdu aktar ċans għar-riflessjoni individwali jew għad-diskussjoni fi gruppi. Ir-ripons personali huwa fundamentali għall-formazzjoni tal-attitudnijiet fiż-żgħar. Il-kitbiet ta' Cilia jħajru lit-tfal jieħdu mixja mentali madwar is-suġġetti u x-xbihat ħa joqorbu lejn it-tifsir estetiku tax-xogħlijiet.

Id-dħul kollu mill-bejgħ ta' *Bukkett Ward* imur għal għaqdiet filantropiċi tat-tfal.

**BOLERO**

Mort 'ilbogħod infittex
ilwien il-kliem
li jiddu fi smewwiet
li qatt ma jgħibu.
Chomsky għaraxni,
qanqalni u feraħ miegħi.
Infetħu mħuħ
demmgħu qlub
bl-istess simetrija
'l hemm mill-ibħra
li jgħallqu 'n-nazzjonijiet.
Ippruvajt nifhem u nħoss
u kliemhom ġbartu
fi lsieni biżżejjed b'saħħtu.
Staqsu 'l missirijieti!
U l-bogħod sar qarib
u dak u l-ieħor saru jien.
Ħassejtni kollni ferħan niżfen bolero
bejn il-poeti.

**CARMEL MALLIA**
**12.7.'19-a.m.**
**Fis-sħana ta' Wied il-Għajn ħdejn il-baħar.**




***SOLILOQUY OF A SMALL-TOWN UNCIVIL SERVANT* by K.K. Srivastava, Rupa Publications, India 2019.**
**A comment by Patrick Sammut**

K.K. Srivastava is one of a number of Indian poets and friends with whom I correspond regularly thanks to internet. He is Director General in the office of Comptroller & Auditor General of India, New Delhi, and author of three volumes of poetry: *Ineluctable Stillness* (2005), *An Armless Hand Writes* (2008; 2012), and *Shadows of the Real* (2012). He is also reviewer and columnist for the newspapers *The Pioneer* and *The Daily Star*.

*Soliloquy of a Small-Town Uncivil Servant* (200 pages) is Srivastava's first book written in prose. It is organized in 13 chapters, together with a Prologue and an Epilogue. In the Prologue, the narrator admits that he lost his memory, thus deciding to "retrieve afresh" and "undertake this journey in order to unravel the story that will discover me." The aim is also to "reach the core of the disjointed

identities.” The titles of the chapters already say a lot: Srivastava writes about growing up in Gorakhupur; his early adolescence, Prof. Yadav and his uncle; rendevouz with a New World (about his first encounters as a civil servant); sex and sensuality; authors, books and human behaviour; of human niceties; women of literature and women in literature; India; and social media (“a mirror replete with banalities, frivolities and moral aberrations.”).

The author-narrator declares from the beginning that this is not a memoir, at the most a semi-autobiographical work. Srivastava opted for the title “Soliloquy” because the 57-year-old “I” is in conversation with himself, thus the reader is witness to this interior monologue, or “exercise in reinventing my imagination, rethinking my cogitations.” *Soliloquy* is thus a collection of fragments which together reveal the writer as a whole during his journey - “an onerous journey not without pain” - which started in 1988 when K.K. wrote his first poem, ‘Birth trauma’, thus, his birth as a writer.

Srivastava reveals himself to be a well-read person, and admits that he grew up, “Amidst books by eminent authors and under illiterate Amma’s guidance, insight and forsight, this is what made me.” In fact, *Soliloquy* is full of inter-textual references and names of different writers, artists, and philosophers, hailing both from India and the western world: *Murphy* and *Watt* by Samuel Beckett, V.S. Naipaul’s *India: A Wounded Civilization*, Allen Ginsberg, Henry David Thoreau, *Siddartha*, *Mephistocles*, *Dr. Faustus*, Sartre’s *Nausea*, Jules Renard, Marcel Proust, Edgar Allan Poe, Emily Dickinson, Harold Pinter, Peter Shaffer’s *Equus*, James Joyce, Albert Camus’s *The Fall*, Marlow, William Hazlitt, Tagore, Yeats, Bertrand Russell, Salman Rushdie, Dostoevsky’s *Notes from Underground*, T.S. Eliot, R.B. Sheridan’s *The Rivals*, Auguste Roden, Anthony de Mello (priest, therapist and poet), Kafka, Nirad Chaudhuri’s *The Continent of Circe*, Nassim Taleb (Lebanese-American essayist and scholar, but also statistician, former trader and risk analyst), Hardy, Borges, Narendra Modi’s poetry book *A Journey*, Terence’s play *Andria*, Raj Kamal Jha (writer and master sculptor), Henri Bergson, Edward Albee (American playright), Vu Tran, Robert Kaplan’s *The Nothing That Is*, Vladimir Nabokov, Samuel Taylor Coleridge, James Thompson, poetess Kamla



**Poet and writer K.K. Srivastava**

Das, Henry Fielding, Joseph Conrad, Milan Kundera, Hindi poet Muktibodh, Pablo Neruda, D.H. Lawrence, and Ezra Pound. All are part of Srivastava’s cultural baggage.

Writing about his childhood, Srivastava admits that, “Sometimes we return to the childhood to get newness.” His writing flows naturally using crystal clear images (thus “eidetic”), is genuine, and generates the eventual smile, like when Srivastava remembers his uncle verbally abusing a stubborn and indifferent horse, or burning pages of Shakespeare’s plays to prepare tea with a different taste, in the absence of wood or coal; or when his teacher, Dr Gupta, answers his question: “Don’t ask many questions. My wife makes life hell for me in the house. At least let me live peacefully here.” K.K. links one chapter to the next by revealing the subject of the following chapter at the end of the previous one. His writing, made up of memories, and descriptions full of animation, movement and life, philosophical and psychological insights, generates profound reflection and pleasure. I liked most a number of aphorisms: “You define someone and either you or the someone is doomed.”; “Human anomalies are

our greatest curse but we live happily with these."; "… age dulls us but beauty lives through us imprisoned inside our ruined body." (Prof. Yadav's words); "A reviewer does not look through the windows of other houses; he has his own windows. But disputants argue that the best reviewers never look through their windows; they choose others' windows to kill the bird."; "Time is not an imaginary entity. It is a continual palpitation of moments."; "Writers must neither live in glass houses nor make castles in the air. But our award-relinquishing writers do both."; "Good bureaucrats know the art of tiptoeing."; "Feminism is not ultimate freedom. Feminism has limitations. Those who believe in it must believe in its limitations."; "Literature dies the moment senile old men start assessing young poetess's works."; and, "Reality is a dream. By the time you realize it, half of your life has been lived and you are not sure if the half left over belongs to you at all." At times K.K.'s prose takes the form of conversations between him and Prof. Yadav, the Socratic way. He also includes letters sent to him by some of his writer-friends living far away and admits that what he misses in India he gets from such friends.

On other occasions, Srivastava mentions or comments on his previous literary works such as *Ineluctable Stillness* or *Shadows of the Real*. K.K. gives us a clear description of himself: "I believe in the power of words: I write poems, books of poetry." Being thus means also being a keen observer or listener of one's surroundings. Listening through the closed doors of a lift while electricity is down, or a conversation with 95-year-old Joe P.K., can prove to be food for reflection on different aspects of humankind and their behaviour. Travelling by taxi, K.K. gives us a vivid description of what happens on the busy roads: a lowly paid policeman with a big belly who chooses to stay in a corner after helplessly trying to regulate the traffic; a crowd watching without any sign of shame a huge dog mating a thin bitch; women filling discarded containers with water flowing from a pipe; and a naked boy defecating in public; all mirroring the discomforts people live because of paucity. Even such experiences or circumstances make both K.K. and the reader reflect, grow and become richer as human beings journeying different corners of this giant country, India.

During this voyage K.K. addresses directly the reader and goes up and down memory lane, referring to particular dates and years: 1979-80, 2017, 2005, 1978, 2014, 2015, 1987-88… Srivastava alternates between narrating, on the one hand, particular experiences of his own and, on the other, personal reflections on various issues and worldly happenings. His are words that inspire inquiry, being food for thought: "The writers I mentioned are dead. But are their ideas dead too?". He thus writes about worthwhile things, ignorance and the working of the brain; about the difference between living and existing; suicide; dreams and images of snow; correspondence of love through poetry and letters; "real joy" for thinking persons and writers; train platforms and philosophy; age and beauty; "huge figures", us and caves ("… you fellows die so many times every hour in caves. You people lack reaction, are tawdry, passive, inarticulate, puny."); lack of reaction which give space to exploitation; rebellion or the need to rebel at least once in a lifetime; bureaucracy (bureaucrats being "people, replete with stylized arrogance and a self-eulogized persona"); Wikipedia today vs the eighties; the mechanics of coterie and how it controls powerful people; reading bestselling authors or reading unappealing and forgotten books; "farting aloud" intellectuals and their inability to confront even simple, let alone difficult, questions; the need to address broken parts in History which are many; YouTube; art and literature as "a knavish business"; creativity, recognition and awards; wearing the right tie and clothes, social parties and behaviour; book-reading sessions and "smooth elevation" in bureaucratic jobs; India as a land of marvels, but also as part of humanity with its good and bad points; feminism; language as a thing of beauty; relationships between men and women, bachelors and spinsters; words written on taxis; writing (it helps the writer get out what he thinks is essential); isolation ("an enlightened freedom, the freedom which illuminates the world inside the writer."), and much more. K.K. also writes from the social-economic point of view, citing economists such as G.A. Cohen and Paul Streeten, and philosophers like John Rawl and Ronald Dworkin.

*Soliloquy* is an open window on some of India's Hindi traditions, rites, ways of living and family. Writing becomes a recording of past encounters: "the streets, the shops, the colleges, the schools, the University, the vendors, the hospitals, the libraries and above all the individuals that crowded the city."




At moments Srivastava is also very critical, and this is another strength in his writing. His mocking tone is a very important element in his writing style. While writing about teachers' "belief [...] in the uselessness of time", he criticizes the "creamy-layered professors lacking both wisdom and knowledge." Progress means leaving no space for children to play and old people to spend time together, but also people knowing the art of fitting into particular forms as these suit them, leaving crowds of patients patiently queuing for long hours and days, making profits as their only concern. Srivastava reminds us of the presence of the mafia lords in his place of birth, Gorakhpur, known as a Second Chicago in the past, and where life is marginalized, hopless and unyielding. However, K.K. also mentions positive elements of his birthplace such as the temples, literary legends and learned men. It is here that K.K. expresses himself in favour of the art of simple living, bringing nature very close to it, a reminder very relevant to concrete-ridden societies, thus revealing himself as a dreamer of a new dawn for his home town. His honesty and directness are powerful: "Seniority determines the kind and degree of humiliation you can heap onto your juniors." About his first encounter with civil servant duties he writes about people talking aimlessly, "none interested in listening. Intellectual inertia or dementia." K.K. knows that a beggar's earnings are twice as much as those earned by civil servants, a hierarchical system which he often treats with irony. In Joe PK's words K.K. protests against all those who let "exploitation go on, unaborted. Meekly exploited creatures. Voiceless. Insipid. Turbulent bodies. Raped souls.", thus forming a "Dead dance of corpses."

In the Epilogue Srivastava confesses that "Eidetic merger of insights and intuitions is at the core of my narratives." In psychology the word "eidetic" relates to or denotes mental images having unusual vividness and detail, as if actually visible.  K.K. also admits that, "On days I wrote, I felt like walking the road, the way I imagine I would, on the day of my death. Like moments just before death, which bring all memories of a man's life to him before he forgets everything for good, the end of the days I would write on would bring the same feelings to me." Reading *Soliloquy* from a miniature island thousands of kms away from giant and multifold India makes me feel in dire need of reading the book again and again in order to understand the real depths Srivastava's writing touch and uncover. *Soliloquy* is introspective: it opens not only Srivastava's but also India inner world to the reader. A big thanks to K.K. for sharing his new work worldwide.

**IN-NIFS**

In-nifs tal-lejl jimla l-btieħi profondi
tal-memorja.
L-uġigħ dejjem tgħixu waħdek.
Iżda fl-eqqel mumenti tiegħu
tkun qed issostni
l-ġrajja tremenda tal-umanità.

**MARIO AZZOPARDI**
**(minn *Monokordi*, PEG, 1984)**

**HEKK ĦLEJJA...**
**(Traduzzjoni tas-sunett famuż ta' Dante, 'Tanto gentile', minn *La Vita Nuova*)**

Hekk ħlejja, onesta tidher, tħares lejha,
Il-mara tiegħi, lil oħrajn issellem,
Li kull ilsien jirtogħ'd bla ma jitkellem,
Ma jazzardawx l-għajnejn iħarsu lejha.

Hi tpassi, t-tifħir tisma' ġo widnejha,
Milbusa l-umiltà b'daqshekk tjubija,
Qisha xi ħaġa li mill-art smewwija
Niżlet fid-dinja biex miraklu turi.

Għoġb'għalmin lejha jħares ikun qiegħed,
Li f'qalbu l-hena jikseb minn għajnejha,
Li ma jifhimx min biha ma jinħeja:

U jidher bħal jitħarrek minn xoffitejha
Spirtu mill-oħla b'tant imħabba muri,
Li qisu qiegħed jgħid lil ruħu: Tniehed.

**ALFRED PALMA**

**IŻŻEWWIĠT TLIET DARBIET**

Iżżewwiġt tliet darbiet: l-ewwel darba
kont għadni fis-snin torja tat-tfulija,
meta ma' ħafna tfal oħra tampari,
twaħħadna ma' Ġesù Ewkaristija.

U meta kont bdejt nikber u sirt ġuvni,
iltqajt ma' tfajla u bdejna l-għerusija,
imxejna it-triq kollha sa wasalna,
quddiem l-altar ta' Alla, għalenija.

U ż-żwieġ l-ieħor tiegħi sar ma' tfajla
li tbati bil-burdati, 'mma ngħid għalija,
għalkemm ġieli tħallini u tinkini,
inħobbha dik l-imbierka poeżija.

**CHARLES MIFSUD**

**FEJN TELQU L-FRIEFET?**

Fejn telqu l-friefet
kollha lwien idakkru 'l-fjuri?
Fejn telqu w nħbew
fl-abbiss tal-imgħoddi?

Fejn telqu l-friefet
ta' kull daqs u titjira qabbieża
bħal donnhom iridu juruna
kemm hi eħfef ħajjithom minn tagħna?

Għosfru max-xamma tal-insettiċida
u ntradmu taħt il-konkos tal-binjiet.
Tħammlu l-għelieqi mill-ħamrija samra;
twittew il-mogħdijiet u tgħatta t-trab.
Inqalgħu l-arbuxxelli mill-għeruq;
ma baqax aktar ħitan tas-sejjieħ;
għabet mill-fili l-ħaxixa tal-qares;
ma fewwaħx il-blat bis-sagħtar
u l-ġiżimin ma sebbaħx 'il madwar!

Baqa' biss il-mostru jkerrah
tas-sit tal-kostruzzjoni
mat-toroq dritti mimlija bit-tarmak!

...Fejn telqu l-friefet?

**SALV SAMMUT**
**(minn *Tqanqil*, 2019)**

**PROSTITUTA**

Rajtek tistenna fid-dalma
ta' lejla f'qamar maqrus,
moħbija taħt l-iskorċa
ta' siġra mbaskta,
lil dawk li jeħilsu jridu
mill-fwar tal-ħolm
li nifed ġewwa demmhom
fl-ifirxa kiesħa tas-solitudni,
għax bl-infafet tan-nar ta' ġismek
int tressaq ma' xufftejhom
kalċi mfawwar b'loppju likwidu
li jifqa' t-tnabar tat-twerwir
u l-baħħ li hemm magħġuna
mal-pulmun tal-ħolqien,
u tneżżagħhom mill-flaġellazzjoni
ta' ħajja msajra mix-xmux
u l-qmura tal-misteri.

**JIMMY BUHAGIAR**
**(minn *Ħsusi u Mħabbti*, The Farsons Foundation, 2017)**

**IL-JUM IT-TAJJEB**

Daqshekk il-ħsejjes tal-ilma jirtogħod
taż-żiffa li tilgħab qalb il-friegħi
fis-skiet ta' sbieħ il-jum
għax mhux l-għasafar jixtiqulna l-jum it-tajjeb
jgħannulna l-innu tal-ħolqien
iżda l-ħsejjes tal-vetturi
tal-magni trijonfanti
tal-inġenji jisfidaw ix-xemx li għadha lanqas telgħet.

L-allat imbagħad jiġu b'idejhom miftuħin
ixerrdu l-benna tal-għasel u tal-ambrosja.
Kulħadd jirkeb il-vettura
fost it-tgedwid sataniku
u l-ħsejjes infernali
għax din hi l-ġemgħa tal-vetturi
tal-ħafna ġid u l-opulenza
tal-jasar tal-imħuħ bil-mezzi tax-xandir.

Fuq nett inħallu l-marjunetti
jinġibdu mill-ispag li ma jidhirx
u hawnhekk l-abbiss ta' fejn int
mingħalik dak huwa l-ferħ tal-indifferenza
għax kull kif ma tarax id-differenza
jew is-simulat u s-simulakru.

Imma'għad irridu nagħtu kont ta' dan
lil uliedna li għad jisħtuna.

**ALFRED GRECH**

**RIMORS**

Urajja hemm pittura -
ħidma ta' taħlita ta' lwien u ta' żmien.
Pittirtha jien b'idejja
ilbieraħ u wara lbieraħ
u min jaf kemm il-bieraħ ieħor
f'għexieren ta' snin.

Illum xtaqt nibdilha –
nagħtiha wiċċ ġdid,
inġeddidha b'ilwien ġodda,
xierqa għall-jien miexi maż-żmien.

L-ilwien tal-bieraħ kxifthom fuq it-tila
u minn taħt l-irtokk
kxift wiċċi, kxift ħsiebi, kxift bżonn ġdid,
'ma għalkemm ħbejthom b'laqta ta' lwien oħra,
kull meta r-riħ ikun fuq
jikxef l-ilwien tal-bieraħ
u wiċċi jsir wiċċ ieħor
ħsiebi ma jingħarafx minn tal-lum
u l-bżonnijiet tal-bieraħ
jagħmlu lil ġismi midjun.

**MARIO ATTARD**

**IL-FQIR**

Dan f'ħajtu bla waqfien jissielet,
biex żaqqu tintela b'dak li tkun kielet;
l-għada xortih jara x'tagħtih,
jekk hija ma tilħaqx tbattih.

M'hemmx tfassil għalih għall-quddiem,
qatt ma jistrieħ u bla jiem
iterraq biex isib xorb, ikel, ilbies,
ħalli dawn iħalluh jgħix ta' nies.

Miskin tgħidlu dan il-bniedem anzjuż,
għal kollox jaħseb, iżda xejn fiduċjuż,
ilaqqat dak li tħalla wara,
għax sa llum dak li hu dara.

Tarah jittallab, mifrud u mwarrab,
bl-għaraq tax-xemx u bix-xita mxarrab;
ftit huma nies li jaħsbu fih,
xi qalb tajba tkun, biex xi ħaġa tagħtih.

M'hemmx kenn xieraq għal dan il-bniedem,
għalxejn jintela' bid-dwejjaq u gdiedem,
mitluf fil-beraħ u minn ħwejjeġ għarwien,
imgħawweġ bil-għeja u ħafna ħosbien.

Nieqes minn kollox u bla flus fl-idejn,
irid jixtri u m'għandux minn fejn,
isefter u bil-ħlas m'hemmx tgawdija,
bħas-soltu hekk l-għodwa jgħaddiha.

L-għixien tiegħu f't'hemm fuq hu fdat,
għax fil-bżonn, minnu bix-xebgħa fgat;
m'hemmx għalfejn jistenna bil-ħerqa,
għax jingħatalu f'leħħa ta' berqa.

**JOSEPH BONNICI**

**SKIET**

Jiena u int x'għandna xi ngħidu ħabib?
Fuq xiex ħa nitkellmu, jien u int?
Int ma tafnix, u qatt mhu ser issir tafni.
Għax ma tridx.
Allura fuq xiex ħa nitkellmu,
jien u int...?

Il-ħajja, bħal leħħa ta' berqa,
ittir u tnin.
Int ma tafnix, qatt ma fhimtni, qatt ma ppruvajt.
U jien u int, ħa nkunu tlifna dan il-ftit ħin.
Bit-tajjeb kollu tiegħek, dak li hemm ġo fija, f'ruħi,
inti qatt ma rajt.
Allura xi tridna ngħidu ħabib,
jien u int...?

Kull meta nippruvaw, nippretendu, nittentaw,
sembjanza ta' iben u missier, madwar il-mejda
jaqsmu biċċa ħobż, jitkellmu flimkien,
jien nispiċċa nweġġgħek.
Ilsieni, ilsien ommi, kif sew tgħidli int,
jaqta' u jodrob. Jinfed u jċarrat, ġo fik.
U iktar ma nara l-fixla f'għajnejk,
il-biża' u l-ansjetà,
iktar intik.
Allura mhux aħjar ma nitkellmux, ħabib tiegħi
jien u int...?

Mbagħad bil-lejl, is-sogħba u l-imrar
id-dmugħ tal-ħati. Sieket fil-friex,
interter bil-bard.
Noħlom li inti tlaqtni, mingħajr qatt ma fhimtni,
memorji tant koroh, ġewwa din id-dar.
Jaħkimni d-dlam u l-kaos,
m'hemm l-ebda tama ta' fejqan.
Nitlob li nerġa' narak, meta jasal il-waqt.
Għax f'din il-ħajja, ħabib tiegħi, għażiż Missier,
ma għandniex xi ngħidu
jien u int.

Aħjar is-skiet...

**FRANCOIS DALLI**

**EASTLAND SHOPPING CENTRE**

Nixmi pass'mgħaġġel fis-suq ta' Eastland Shopping Centre.
fejn tfalja timbutta anzjana f'siġġu bir-roti
waqt li għajnejn ix-xbejba jgħarrxu
lejn wiċċ żagħżugħ fil-qrib...

Fejn iċ-Ċiniz, li jbigħ il-kafe u l-ħobz bil-perżut
jgħix ħajtu u dmiru fuq telefon ċellulari
waqt li nies tistenna biex tordna,
jgorru u joffendulu r-razza.

Fejn il-barbier, li jistenna fil-bieb għall-klijenti
b'xagħarhom twila... jiċċassa lejja!
U taż-żraben jidħaq bija kif jarani
għaddej biż-żarbun immermer.

Fejn l-Indjan jistenna fil-bieb ta' JB HIFI
lest biex jaħtaf lil kull min ma jħallasx
u allaħares toħroġ mingħajr
ma turih ir-riċetta.

U x'ħin ngħaddi biex nixtri ġugarell
għall-filjozzi, it-tfalja żagħżugħa wara l-bank
toffrili parir għal ġugarel addattat
imma ma ddumx ma tgħarrafni rigwrad l-istudji tagħha.

Jien u għaddej minn fejn ix-xibka,
fejn it-tfal jixxabbtu u jilagħbu
nosserva omm żagħżugħa taqra
novella ta' Patrick Whyte.

Waqt li nidentifika mal-awtur
nissimpatizza maż-żmien li din l-omm
issagrifikat għall-familja
waqt li l-egu tagħha jokrob biex jiġi illiberat.

Fejn ix-xjuħ jiltaqgħu biex jitkellmu
u jirrakkontaw u jiddiskutu żmien aħjar
u jirreminixxu fuq l-imgħoddi
għax għalihom il-preżent qatt m'hu tajjeb.

U nasal fil-Librerija ta' Ringwood...
Inkompli nirriċerka l-istudji
fejn l-uċuħ tal-ikoni Maltin jitolbu ħaqq
mill-istorja tagħhom għall-futur.

U waqt li naqra fuq numru ta' kittieba
u daqqaqa lokali, ninduna li pajjiżi
żgħir wisq biex jirbaħ għarfien għalihom
u li xi ħadd għandu jikteb fuqhom.

Imma bħal dawk kollha li middu saqajhom
fuq Station Pier, fuq nofs seklu ilu

li f'pajjiżhom wissuhom biex jinsew il-Malti
u jimxu bl-Ingliz għal futur aħjar

Dawn qatt m'accettaw dan il-parir tal-"ghorrief!"

wirt arthom…
Ilsien Twelidhom…
Drawwiet tfulithom…
U l-użanzi tagħhom…
Għalihom ma kinux  negozzjabbli

U b'hekk nibbtu żerriegħa kulturali f'kontinent immens
li l-mexxejja widdbuhom ma kienx possibbli

U nkompli nimxi lejn il-carpark
biex nerga' lura lejn id-dar.

**MANUEL CASHA**

**MUSIC CAST ITS SPELL**

The wind sang a flute's melody
and Magic cast its spell on me.
Mine is an earnest conjuration
this soft startling incantation.

A poem can be a gentle opiate
a sweet concoction made to intoxicate.
Its reader it could perpetually thrill
with rhyme sublime and immaculate.

My spirit burns for this alchemy
desiring its lofty Immortality.
The words like fire soar eternally
aloft in endless skies of Ecstasy.

**MELANIE CAMILLERI**
**(minn *The Arrow and the Song*, 2019)**

**JORGE MARIO BERGOGLIO**

**Din il-poeżija u t-traduzzjoni tagħha għat-Taljan se tiġi ppreżentata dan ix-xahar lill-Papa Franġisku minn iben il-poeta li tiela' l-Vatikan mal-abbatini.**

Ġejt b'passaport kważi se jiskadi
u qed tinseġ bħall-ifjen bizzilla
enċikliki li jdewwu feriti profondi
ta' ħlejjaq jitbasktu bl-inġustizzji
fuq dal-globu fejn issawru liġijiet
fejn kulħadd hu suppost ugwali.

Nebbaħt bi ħsibijietek soċjali
għadd ta' ħassieba anki dawk atei
u b'mixjietek felħana b'żarbun sewdieni
terraqt fit-toroq dinjija tmiss lill-morda
u tlisslilhom kliem ta' kuraġġ u faraġ.

Bi kliemek elaborat li jasal sa kull qalb
qisek Kristu jippriedka l-beatudnijiet
ħloqt lilnji siżmoloġiċi fit-twemmin intern.
U fewġa sajfija tħuf bħal ajkla Arġentina
tmelles wiċċ vjaġġjatur fuq karozza tal-linja
jfittex fil-periferiji bħar-ragħaj it-tajjeb
in-nagħaġ mitluf u jkebbes tama ġdida
ta' mħabba kif wassalha l-Iben t'Alla.

**JONATHAN BALZAN**
**(minn *Kilometri*, 2016)**

**JORGE MARIO BERGOGLIO**

Sei arrivato con passaporto quasi scaduto
e stai tessendo come il più fin merletto
encicliche che guariscono ferite profonde
di creature scottate d'ingiustizie
sopra questo globo dove si formano leggi
dove presumibilmente tutti sian uguali.

Hai ispirato coi suoi pensieri sociali
dei pensatori ed anche i miscredenti,
e con il passo forte a scarpe nere
vagasti per le strade del mondo toccando i malati
con parole di coraggio e di conforto.

Con parole elaborate che penetrano ogni cuore
come il Cristo che predica le beatitudini
hai creato linee sismologiche nel credo interno.

E una brezza estiva girar com'aquila Argentina
carezzando un viso da viator  sopra un autobus
cercando nelle periferie come il buon pastore
le pecore perdute ed accender nuova speranza
d'amor come consegnata dal Figlio di Dio.

**(Poesia in maltese di Jonathan Balzan: traduzione di Alfred Palma)**

**IL-MALTI**

Min qallek, ja ħabibi, li ta' fommok
jixbah il-kelma safja li tinstama'
minn bosta nies qrabatek w int tintrema'
wara kull seħer ġdid u tbiegħed 'l ommok?
Ja sieħbi li stqarrejt il-Malti, donnok
intlift f'belliegħa ħarxa, nsejt il-ġemgħa.
Warrabt 'il dak ta' ġewwa w anqas demgħa
ma ċarċret minn għajnejk. Le m'aħniex bżonnok.
Għax demmi, bħal nixxiegħa, ġewwa l-vini,
ibaqbaq dejjem ħaj; b'Malti jurini.
Inti waqajt, f'dgħufitek tlaqt il-bejta
u mank għaraft il-benna li taħjini.
Kemm għad tibkih dal-waqt li int ħallejtha!
U ġifa tgħajjat; aftha, le ħabbejtha!

**RIGU BOVINGDON**
**(minn *Aporija - Mill-Ġdid*, Horizons, 2019)**

**LIL MALTA**

Għalxejn nitħabat biex ħajti u ħajtek
jinterzjaw b'ħeffa fil-mera 'llustrata
tal-ġranet itiru, mediterranji?

U fejn għosfu l-jiem fejn dammejna l-lewlu
ta' mħabbitna fietla, tradizzjonali,
taħt il-loġoġ kennija ta' drawwitek?

Għalxejn, għid, nirrużarja l-kurunella
tal-imgħoddi li ġieħek pur seddaqlek?
Għalxejn inkanta l-innu sekolari
tal-preżent li ġieħek żverġna u kasbarlek?

Fil-mera 'llustrata tal-jiem itiru:
nixtarr l-għajbien tal-istampi ta' wiċċi;
nifli l-felul b'żewġ kuluri fuq wiċċek;
naqra l-kundanna li sensiltni biha.

**CARMEL SCICLUNA**
**(minn *L-Ambjent li Qeridna. Poeżiji 2017-2019*, ippubblikat f'format virtwali)**

**NITFA**

Tgħid fadal nitfa art
xi nħalli wrajja
għal min jafni b'antenat;
nitfa baħar li laħlaħni
u mellaħni
li mhux jiġi esplojtjat;
nitfa xogħol
merfugħ għalija
bħala jedd
għax jien bint
din l-art Maltija;
nitfa lsien illi jagħrafni
għax bih ftihemt
sa miċ-ċkunija?
Fadal anglu fejn inħuf
illi għad ma ġiex maħtuf
minn xi baruni;
fadal nies minn niesi stess
li, fis-skiet, mhux ilumuni
għaliex għadni rrodd salib;
nitfa qabar
fejn ninġabar
nidfen għadmi fix-xjuħija;
nitfa ġens li għad ma falla
għax fada f'Alla
u għadu grat
illi welldu f'dan l-istat?

Meta nkunu tlifna kollox
fuq sidirna nħabbtu mbagħad?

**THERESE PACE**

**L-ISPAGA**

Ħlomt li fuq spaga kont qed nimxi
bejn il-kampnar u l-koppla
nibbilanċja
biex ma naqax

u bdejt inħoss jikbruli l-ġwienaħ
biex jekk niżloq
intir u ma nweġġax.

Iżda meta kont għadni f'nofs il-mixja
u nara r-raħal taħti, kbir, mifrux,
l-ispaga nqatgħet f'daqqa
u l-ġwienaħ ma nfetħux.

**ĠORĠ BORG**
**(minn *Fittixni fl-Ilma Ġieri*, Horizons, 2018)**

**TOWARDS ENLIGHTENMENT**

The rise and fall in life is but very common
spirituality is but an upright phenomenon;
it wields power to sweep all egoistic notions
as well uproots the base of worldly passions.

Mere fulfillment of desires leaves us poorer
they turn our successes into horrible failures;
self-imposed goals ignite fires for supremacy
for the suffering lot, we ignore to show mercy.

Having got paralyzed by the worldly delusions
steadfast Godly devotion is the honest option;
it saves us from getting drowned in the whirl
where, crocodiles in the guise of desires kill.

The Omnipresent, The Most Mercy Incarnate,
The Only One who can safely steer life's boat;
He's the Rescuer Supreme and life's Charioteer
whoever trusts; indeed their obstacles disappear.

Let the fires of hatred be shunned, never fanned
let the tendency for wars and ruin, be tamed;
Almighty thirsts for human love, mercy and care
service to humanity is service to God! Remember.

Devotional paths lead us to towards enlightenment
Yes, they are the fountains of all joys and delights.

**ASHOK CHAKRAVARTHY THOLANA**
*L-Indja*

**PER TE DONNA**

Donna sul tuo volto è impresso
il ricamo del primo giardino.
Sulle tue colonne riposa
- mai sazio - il figlio dell'uomo.
Con il capo ricurvo
raccogli l'onda della deriva,
sparpagli in fasci l'ombra
dei tuoi silenzi.
Volta la pagina,
sul sentiero del domani
spalanca ombrelli di luce:
in te abita la montagna,
nel tuo ventre germoglia
la primavera.

**PAOLA MARA DE MAESTRI**
*L-Italja*

**MALTA ...: A SONNET**
**(Getting into mind the National Independence Day of Malta, 21.09.every year )**

Through the desire of the soul, O, Malta, you
step forward with advancement of love , at all,
alongwith confidence to success , ah! where new
dogma of fundamental quality is... that's real.

Twenty-first day of September is the golden
zone of your society's chain where natural
decency does a frame with fame to strengthen;
here your mind's mooring goes to the
monumental...

O, Malta, your citizens celebrate this day
by confirmation through broadness with gurantee
of human upliftment as bright sun ray
at wintry days as treasure; that is pretty...

O, Malta, you are a true neighbour with nearness;
Her you extend your own hands with wideness.

**MANORANJAN DAS**
*L-Indja*

**HOPES?**

Just a moment, please!
The night sleeps calmly.
Why do you want to
annihilate the silence
of the infinite?
Leave me alone
with my anguish,
let me protect myself
from your perfidious hopes!

**TERESINKA PEREIRA**
*L-Istati Uniti*




***THE SWANS AT ST IVES AND OTHER STORIES* ta' Charles Casha, Midsea Books 2019.**

Din hija ġabra ta' 18-il storja miġburin f'196 paġna u miktubin minn Charles Casha li Martin Bugelli qaleb għall-Ingliż. Fi kliem Bugelli stess, dawk li jidhru rakkonti individwali fl-aħħar mill-aħħar jiffurmaw możajk wieħed magħmul minn kaledjoskopju ta' esperjenzi umani differenti. Oġġetti bħal pitturi, folji tal-poeżija, xemgħat u anki vjolin għandhom rwol ewlieni minħabba l-valur u t-tifsira li għandhom f'rabta mal-personaġġi li naqraw dwarhom. F'kull rakkont il-persuni jissawbu mal-oġġetti, l-animat mal-inanimat. L-istejjer huma meħudin mill-kotba *Burraxki* (KKM 2005), *Rakkontigriżi* (KKM 2011) u *Stejjer Veri li Qatt ma Ġraw* (KKM 2016). In-novella "That strange smell" dehret f'ħarġa ta' *Leħen il-Malti* (Għadd 36-2017). Huma kollha stejjer li jittrattaw temi differenti meħudin mill-ħajja ta' kuljum.




***TQANQIL - POEŻIJI 1964-2019* ta' Salv Sammut, 2019.**

Din hija t-tielet ġabra ta' poeżiji ta' Sammut wara *Tiżwiqa* (2008) u *Tħarbix* (2013). Din id-darba f'din il-ġabra ġdida ta' 158 paġna nsibu 79 poeżija bil-Malti u 32 poeżija bl-Ingliż. Sammut jinkludi żewġ daħliet kritiċi mill-pinna ta' Oliver Friggieri bl-isem ta' "Xejriet Ewlenin fil-Poeżija ta' Salv Sammut", u ta' Andrew Sciberras, "Salv Sammut - Il-Vjaġġ Poetiku." Fl-aħħar paġni nsibu kummenti oħrajn minn Oliver Friggieri dwar xi poeżiji ta' Sammut, flimkien ma' kummenti kritiċi qosra minn persuni differenti dwar *Tiżwiqa* u *Tħarbix*. Bħal dejjem il-poeżiji ta' Sammut huma kkaratterizzati mis-sempliċità u ċ-ċarezza. Fost l-elementi msemmijin minn Friggieri nsibu fil-versi ta' Sammut it-tema tal-ambjent naturali, l-aspett morali, l-element bibliku. Andrew Sciberras imbagħad jikteb dwar Sammut bħala l-poeta vjaġġatur fuq naħa u l-ispiritwalità u Alla fuq l-oħra. *Tqanqil* hi ġabra poetika bilingwa li tista' titgawda minn kull min għandu għal qalbu l-poeżija ġenwina.




**_LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR - NOTI KRITIĊI_ ta' Maria Camilleri, PEG 1987.**

Dan huwa ktejjeb ta' għajnuna ta' 96 paġna għal min jistudja r-rumanz tal-kittieb pijunier Ġużè Ellul Mercer. L-awtriċi u studjuża Maria Camilleri taqsam ix-xogħol tagħha f'partijiet differenti: Daħla, Bijografija (b'tagħrif dwar l-isfond storiku tal-bidu tas-seklu 20, il-Kwistjoni tal-Lingwa, l-ewwel kitbiet letterarji ta' Ellul Mercer u iktar), L-Ideat Soċjali ta' Ellul Mercer (fosthom il-ħaddiema u l-jeddijiet, l-edukazzjoni tal-ulied, il-Kelma Maltija u l-ħtieġa tal-qari, il-Piena Kapitali), Ir-Rumanz (inkluż tagħrif dwar l-importanza storika ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, l-għanijiet, l-istil, il-karattri u l-plott tar-rumanz, u l-Parabbola tal-Għar), Taqsir il-Kapitli (fejn naqraw fil-qosor x'seħħ f'kull kapitlu), Vokabularju (fejn Camilleri tagħti t-tifsira ta' numru ta' kliem arkajku użat fir-rumanz), u fl-aħħarnett, Mistoqsijiet għall-Komponimenti. Ktejjeb bħal ikompli jgħin lill-qarrej ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir* jifhem il-kuntest sħiħ (inkluż Ellul Mercer stess) li fih inkiteb rumanz ewlieni bħal dan fl-istorja tal-letteratura Maltija.




**_IL-ĦALLIEL TAL-MEJTIN U NOVELLI OĦRA_ ta' Nikol Biancardi, miġburin minn Donna-Lynn Calleja, SKS 2016.**

F'dan il-ktieb ta' 254 paġna jerġa' jinxteħet dawl interessanti minn riċerkatriċi mara fuq pijunier ieħor tal-Letteratura Maltija - Nikol Biancardi - kittieb li ħabb l-Ilsien Malti u għamel minn kollox biex jeduka u jmexxi 'l quddiem lill-poplu Malti, l-iktar dak tal-klassi l-baxxa. Calleja tiġbor 37 novella li Biancardi kiteb f'ġurnali u rivisti bħal *Il-Ħmar*, *Dr Xecchec*, *Il-Berka*, *Il-Malti* u *Leħen il-Malti* bejn l-1924 u l-1969. Tinkludi wkoll Bijografija dettaljata (Min hu Nikol Biancardi?; Is-Safar; Biancardi u Sħabu; Il-Letteratura; L-Ilsien Malti; L-Anagrammi; Ix-Xogħol għall-Palk; Żmien it-Tieni Gwerra Dinjija; Ġurnalist u Editur; Iċ-Ċensura; F'Tas-Sliema; Kollezzjonista; u L-Aħħar Jiem ta' Ħajtu), studju interessanti dwar it-teknika narrattiva fin-novelli, u anki Biblijografija abbundanti. Il-parti bijografika hija fornuta b'għadd ta' ritratti u dokumenti li jikkumplimentaw it-tagħrif mogħti mill-awtriċi tal-ktieb.




### *GRAJJIET IL-KLIEM: KOKTEJL LINGWISTIKU* ta' Charles Briffa, Malta University Publishing, 2019.

Il-ktieb, *Ġrajjiet il-Kliem – Koktejl Lingwistiku* (ĠKKL), iħares lejn il-Malti bil-varjabilità tiegħu fiż-żmien u jgħarrex biex jara r-relazzjonijiet ta' dan l-ilsien ma' interessi umani fundamentali oħra - interessi bħall-ħsieb, mentalità, u kultura tal-ġens. Jipprova juri l-ħsieb u l-kultura li ddeterminaw jew li qegħdin jiddeterminaw il-lingwa. Fi kliem ieħor qed ngħid li l-kontenut tal-lingwa jintrabat, bosta drabi, mal-kultura; u f'dan il-ktieb il-kultura titqies bħala t-tlaqqigħ mirut soċjalment tad-drawwiet u t-twemmin li jsawru l-għamla tal-ħajja tal-komunità. L-Istorja tal-kultura u l-Istorja tal-lingwa jimxu id f'id. B'hekk nifhmu li l-lingwa għandha funzjoni kulturali, u għaldaqstant meta nikkomunikaw l-ideat tagħna nikkomunikawhom skont is-sistema tradizzjonali tas-soċjetà tagħna. Dan hu l-ġid tal-Malti li rridu nitkellmu fuqu. Il-materjal għall-ĠKKL inħadem minn dak li interessa lis-semmiegħa tal-awtur tax-xandir u lill-qarrejja tiegħu tal-gazzetti. Xi wħud minn dawn is-semmiegħa u qarrejja, saħansitra, kitbulu emails biex jagħtuh xi termini li jużaw huma jew biex iwasslulu xi fehmiet tagħhom fuq il-lingwa. U xi termini wkoll iddaħħlu għax laqtu lilu. Il-ktieb huwa mħawwar b'tagħrif interessanti fuq il-Malti - ilsien qadim li għadu ħaj u qawwi f'millennju ġdid. Iż-żewġ taqsimiet ta' ĠKKL ("Ġrajjiet il-Kliem" u "Koktejls Speċjali") jistħarrġu u jgħarblu l-kultura qadima u reċenti li tnixxi minn ilsienna - tagħrif miksub li bosta drabi jikxef aspetti tal-mentalità ta' missirijietna u tagħna wkoll. U minn din il-kultura jixirfu dehriet ta' kif kienu jaħsbuha u kif kienu jifhmu d-dinja tagħhom ta' qabilna li minnhom tnissilna aħna; u jixirfu wkoll xi perċezzjonijiet tagħna. It-taqsimiet għalhekk, isaħħu l-idea ta' soċjetà organika fejn il-preżent jidħol f'interrelazzjoni u kontinwità mal-imgħoddi - u mhux jibqa' mifrud minnu. Nidħlu, mela, fid-dinja tal-kliem biex inkunu nafu min aħna għax nagħrfu u nifhmu lilna nfusna, u fl-istess ħin naraw kif nistgħu nużaw il-lingwa mingħajr ambigwità. Ħafna mill-kontenut ta' dan il-ktieb kien ippreżentat fis-sensiliet "Koktejl Lingwistiku" ta' fuq Campus FM taħt id-direzzjoni ta' Celaine Buhagiar. Dan il-ktieb, *Ġrajjiet il-Kliem – Koktejl Lingwistiku*, huwa tkomplija tal-ktieb l-ieħor tal-Prof. Charles Briffa wkoll, *Il-Ġrajja wara l-Kelma: Infittxu l-Imgħoddi u l-Preżent* (Horizons, Malta, 2018).



**_PASS PASS MATUL IS-SENA_ ta' Carmel G. Cauchi, Pubblikazzjoni Preca, 2019.**

Dan il-ktieb ta' 408 paġna jinkludi ħsieb għal kull jum tas-sena. Huwa mfassal sewwasew bħall-ktieb l-ieħor ta' qablu, *Mar-Radd tas-Salib*, tal-istess awtur, u bħalu mhux intiż biex jinqara kollu f'salt imma biex jitnaqqar paġna kuljum. Aktarx li l-aħjar ħin biex wieħed jaqra l-paġna hu filgħodu, ħalli l-ħsieb iservih bħala ispirazzjoni għal matul il-jum. Il-qarrej, madankollu, għandu jħossu liberu li juża l-ktieb kif inhu l-aħjar għalih. Il-ħsibijiet huma mfassla fuq aforiżma, kważi dejjem bl-Ingliż. L-aforiżma tħalliet fl-ilsien oriġinali biex ma titlef xejn mill-qawwa tagħha, l-aktar fejn tidħol ir-rima jew l-idjoma oriġinali. L-aforiżma hija segwita minn kumment bil-Malti mill-awtur u l-paġna tagħlaq b'erba versi mqabblin li faċli jibqgħu fil-memorja. Kull ħsieb hu miktub b'mod konċiż u ma jiħux iktar minn faċċata waħda. Jinqara biss f'affari ta' tliet jew erba' minuti, u allura wieħed iktar isibha facli li jsib ħin għalih fil-ħajja mgħaġġla tal-lum. Għalkemm il-għan tal-ktieb hu l-użu personali jista' jkun ukoll li mexxejja ta' gruppi jew klassijiet isibuh utli f'sens komunitarju.




**_ĦSIBIJIET FUQ ID-DIVINA COMMEDIA_, Knisja Elfejn, Sena XXXI nru. 128, Pubblikazzjoni Dumnikani, April-Ġunju 2019.**

Il-Provinċja Dumnikana Maltija fl-1988, dak iż-żmien taħt it-tmexxija ta' Patri Pawl Cremona OP, illum Arċiaqof Emeritu, bdiet inizzjattiva ta' tagħlim nisrani għas-soċjetà Maltija permezz tal-volumi "Knisja 2000". Dan kellu jkun strument biex jgħin fil-formazzjoni prattika u attwali tal-persuni kollha bil-għatx li jiskopru aktar kif jistgħu jgħixu l-kelma ta' Alla fil-ħajja li jħabbtu wiċċhom magħha. "Knisja 2000" hija enċiklopedija ta' tagħlim nisrani f'rabta ma' suġġetti bħall-morali, it-teoloġija, il-fidi u kwistjonijiet soċjali li jfeġġu fis-soċjetà Maltija. Il-ħarġa numru 128 tinfirex fuq 100 paġna u hi magħmula minn 9 studji interessanti dwar il-kapolavur ta' Dante Alighieri, id-*Divina Commedia* li nkitbet fil-bidu tas-seklu 14, flimkien ma' Editorjal minn Patri Raymond Gatt OP. Dr Simon Mercieca jikteb dwar "Dante Alighieri u ċ-Ċaħda tal-Purgatorju"; il-Prof. Joseph M. Brincat jagħtina l-istudju bl-isem "Dante Alighieri. L-Infern, il-Purgatorju, il-Ġenna: mid-dlam għad-dawl"; Dr Ugo Mifsud Bonnici, President Emeritus, hu l-awtur ta' "Church and State in Dante Alighieri's thoughts and visions"; filwaqt li Fr Lawrence E. Attard OP jikteb dwar "Dante: id-distinzjoni bejn il-poter temporali u dak spiritwali." Studji oħra huma ta' Dr Tonio Borg, "Dante: il-Politika u d-Drittijiet tal-Bniedem"; Dr Louis Galea, "L-etika u l-politika fid-Divina Commedia"; Richard Muscat, "Dante u n-Numeroloġija"; il-Prof. Charles Briffa, "Dante bil-Malti"; u Fr Joseph Agius OP, "Is-sens tat-test bibliku fit-tradizzjoni tal-komunità." Edizzjoni oħra ta' "Knisja 2000" li ttrattat il-letteratura hija nru. 84 *Reliġjon u Letteratura*. Il-ħarġa 128 ġiet imnebbħa minn kors li sar fl-AŻAD fl-aħħar xhur tal-2018. Il-maġġoranza tal-kittieba f'din il-ħarġa kollha qasmu l-ħsibijiet tagħhom fil-kors imsemmi. Hija ħarġa ddedikata lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-letteratura Taljana speċjalment dawk midħla tal-kitbiet Danteski.







**_APORIJA - MILL-ĠDID_, ta' Roderick (Rigu) Bovingdon, Horizons, 2019.**

*Aporija* hija kelma antika mnissla mill-Grieg Klassiku. Tħaddan rikkezza vasta ta' tifsiriet. Fosthom tinkludi: disprament, taħwid mentali, problematika, tensjoni, konflitt, dubju, inċertezza, assurdità.... Huwa mill-ġabra ta' dawn l-interpretazzjonijiet kollha u kulma hu ssuġġerit minnhom, li l-intensità tal-qilla li tinstab f'din id-damma, tirrivela. Hekk il-qarrej fannadi hu mitlub iħares lejn is-semantika applikata lil dan it-terminu mill-aqwa awturi awtorevoli Griegi bħalma kienu Pindaru, Platun, Omeru, Erodotu, Teokritu, Aristotli, Zenofinu, Simonide u oħrajn. B'kuntrast ipparaguna l-oppost semantiku li jnissel: tama, kalma fl-ispirtu, soluzzjoni, sliem, armonija, ċertezza, konvinzjoni, razjoċinju.... Dawn u tifsiriet oħrajn, issuġġeriti bl-aktar modi sottili u kultant mhux daqstant mistura, jistgħu jgħinu lil min jixtieq ifannad lil hinn mill-wasla fqira tal-kelma umana, x'ġarrab il-poeta.

**_THE ARROW AND THE SONG_ ta' Melanie Camilleri, 2019.**

Din hija ġabra ta' 31 poeżija bl-Ingliż mifruxa fuq ktejjeb ta' 66 paġna. Il-ktieb hu mżejjen bi tpinġijiet ikkuluriti ta' Brandon Scott Truster, filwaqt li fil-bidu nsibu studju kritiku bil-Malti mill-pinna ta' Andrew Sciberras. Mal-ewwel daqqa t'għajn lejn it-titli tal-poeżiji wieħed jinduna bl-importanza tal-element mitoloġiku Grieg (jissemmew Eros, Dionysus, Apollo, Echo, Narcissus, Orpheus, u bosta oħrajn), li fih innifsu huwa dinja mimlija b'materjal narrattiv imma fuq kollox b'għerf li m'għandux żmien. Kif jikteb Sciberras, permezz ta' dawn l-istejjer li ħafna jafu, "Il-poetessa ... trid twasslilna kunċetti psikoloġiċi, filosofiċi, etiċi, soċjali u spiritwali, li dawn jissarrfu f'bosta qagħdiet ta' ruħ, u tħeġġiġna biex b'intuwizzjoni niġġeneraw ideat u teoriji ġodda." Il-qari ta' dawn il-poeżiji hi esperjenza li tagħti gost tassew filwaqt li tiġġenera ċertu sliem fil-ġewwieni tal-qarrej.




**_OSSESSJONI_ ta' Alfred Palma, Wise Owl Publications, 2019.**

Dan hu rumanz qasir ta' 90 paġna fejn naqraw dwar ir-relazzjoni bejn Raymond, raġel miżżewweġ imma omosesswali, u Toni, żagħżugħ sabiħ, imħawwad u eterosesswali. Dik ta' bejniethom hi relazzjoni stramba: Raymond iħobb lil Toni u jinġibed sesswalment lejh, imma Toni jagħżel li jkun miegħu biss għall-flus li Raymond jgħaddilu regolarment. Stilistikament, partijiet mir-rumanz huma ripetittivi ħafna, imma dan l-awtur jagħmlu apposta biex isaħħaħ iktar l-element ta' ossessjoni li jaħkem f'dan ix-xogħol uniku u kuraġġuż li jista' jdarras lil ċerti persuni. Fih naqraw dwar il-kilba għas-sess u għall-flus, id-droga, it-tipjip sfrenat, imma anki dwar waqtiet ta' ferħ, uġigħ, diżappunti u frustrazzjonijiet li relazzjoni bħal din tista' ġġib magħha. It-tmiem mhux eżattament tmiem, ladarba Palma jħaddem struttura ċirkolari: minkejja l-perikli u l-inkwiet li għadda minnhom, Raymond fl-aħħar mill-aħħar jerġa' jaqa' għaż-żagħżugħ li riedu biss għall-flus. Fid-Daħla Palma jfakkarna f'xogħlijiet bl-istess tema bħal *Death in Venice* ta' Thomas Mann, li hu qaleb għall-Malti, u *Other Than a Man* ta' James Barr.




**_MALAIKA_ ta' Carmel Scicluna, Dom Communications Ltd., 2015.**

Dan hu rumanz ta' 120 paġna li bih Carmel Scicluna kien ġie minn ta' quddiem f'kompetizzjoni mtellgħa mill-KNK. Huwa miktub għall-adulti żgħażagħ. Stilistikament iżommok fuq ix-xwiek tul in-nisġa kollha u jinqara malajr. Għalkemm jidher sempliċi fil-wiċċ, hu misterjuż u profond minn taħt. L-istorja hi dwar żagħżugħ Malti, intellettwali, maqtugħ f'dinja għalih, li jbati b'dipressjoni u għalhekk iżur tabib u psikjatra ladarba mtaqqal b'bosta ħsibijiet, qalbu muġugħa, u xjaħ qabel il-waqt. Wara li titilqu l-ewwel tfajla li ma kinitx tal-pezza tiegħu, hu jsir iħobb tfajla Afrikana li ssir Kattolika Rumana, imma l-istorja tkompli tikkomplika ruħha iktar. Fih kummentarju soċjo-politiku u ħafna simboliżmi. Sa mill-epigrafu tal-bidu - "... pay strict attention to what I say because I choose my words carefully and I never repeat myself." (*The Inside Man*) - Scicluna jwissi biex toqgħod b'seba' għajnejn għal kull kelma miktuba għax it-tweġiba għall-'misteru' qiegħda fir-rumanz li jsaqsi ħafna, jikkritika s-soċjetà moderna u jmur kontra l-kurrenti tad-dinja. It-tmiem mhux soluzzjoni imma jibqgħu bosta mistoqsijiet miftuħa.